Vol 42
Nru 214
Ottubru - Diċembru 2021

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2021

comalt@ofm.org.mt
www.co-malta.org

Qoxra Quddiem:
*Bieb tal-Umiltà tal-Bażilika*
*ta' Betleħem*

# Werrej



6

16





23



30


6 L-Għar-Knisja tan-Nativitá f'Betleħem u l-Għerien Annessi

16 Il-Liżar ta' Turin Xhieda Awtentika tal-Passjoni, tal-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu

23 Is-Sejħa ta' Ġeremija (4)

30 Katekeżi San Ġwann Battista – 2 Baqa' Jgħix fid-Deżert sa Dakinhar li Ħareġ Quddiem Israel

39 L-Aspett tat-Tfittxija fis-Sejħa tal-Ewwel Dixxipli fl-Evanġelju Skont San Ġwann




39

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## NERĠGĦU MMORRU L-ART IMQADDSA

Fis-sit web uffiċjali tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, www.custodia.org dehret l-aħbar sabiħa li issa hu possibbli li gruppi żgħar ta' pellegrini jirritornaw fl-Art Imqaddsa, wara waqfa ta' kważi sentejn. L-iStat ta' Israel, li għandu regolamenti stretti ħafna dwar id-dħul ta' barranin fil-pajjiż minħabba l-emerġenza Covid-19, issa jidher li beda jiftaħ bil-mod il-mod il-possibilità li jaslu turisti u pellegrini. Mhux biss, imma dan l-aħħar, qed jingħata wkoll il-permess li dawn iżuru postijiet ta' interess kulturali u reliġjuż ukoll fil-Palestina, bħalma hi l-belt ta' Betleħem.

Din l-aħbar ġiet milqugħa b'ferħ kbir mill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, kif ukoll mill-insara li jgħixu madwar is-Santwarji tal-Fidwa. Għal bosta xhur dawn jinsabu bla xogħol. Hi ħasra li tara tant lukandi magħluqin u vojta, tant ħwienet ta' souvenirs u artiġġjanat magħluqin. Il-kriżi tal-pandemija ġabet magħha kriżi ekonomika li hi aktar serja minn dik li nħolqot fi żmien l-Intifada jew f'mumenti ta' tenżjoni u ġlied. Dan għaliex dawn kienu normalment itulu biss ftit xhur, filwaqt li l-emerġenza Covid-19 ilha għaddejja minn Frar 2020. Il-patrijiet Franġiskani tal-Kustodja għaddew ukoll minn perjodu diffiċli, kemm minħabba l-għeluq li ġabet magħha l-kriżi, li fiha kellhom jgħixu "shut down" wieħed



*Pellegrinaggi kif konna nafuhom*

wara l-ieħor, kif ukoll minħabba l-fatt li l-introjti li jiġu mill-pellegrini u mill-ġabra għall-Art Imqaddsa, u li jintużaw għall-manteniment tas-Santwarji u għall-opri ta' karità u edukazzjoni li tmexxi l-Kustodja, naqsu drastikament.

Naturalment, il-permess li wieħed jiġi bħala turist jew pellegrin f'Israel jiddependi minn ħafna fatturi. Bħalissa, jirċievu permess biss dawk li huma mlaqqmin kontra l-pandemija, u li wkoll irċevew it-tilqima "booster" biex tipproteġihom fix-xhur li ġejjin. Mal-wasla f'Israel kulħadd hu obbligat jagħmel PCR Test u jirrapporta eżattament fejn se jkun qiegħed matul il-mawra tiegħu. Dan kollu wieħed jifhem li jġib inkonvenjent biex jiġi organizzat pellegrinaġġ kif konna mdorrijin qabel.

Għalissa huma rrikmandati pellegrinaġġi bi gruppi żgħar, li jkun aktar faċli li jimxu mal-protokolli stabbiliti. Fil-fatt, gruppi żgħar ta' pellegrini diġà bdew jaslu, u dan qed jimla lill-Kustodja bil-kuraġġ.

Hemm bżonn li aħna wkoll, bħala Maltin u Għawdxin, nimtlew bil-kuraġġ li nkomplu ngħinu l-missjoni tal-Art Imqaddsa billi mmorru pellegrinaġġ. Il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa diġà qed jippjana li jorganizza xi pellegrinaġġ għal xi grupp żgħir, bħala esperiment, biex imbagħad ikun jista' jkompli jżid din l-opportunità fil-ġejjieni qarib. Nifhmu li hemm xi restrizzjonijiet involuti, imma wara kollox, dawn in-normi ma jgħoddux biss għal Israel imma wieħed isibhom f'kull pajjiż ieħor li fih irid isiefer. Issa wasal iż-żmien li nadattaw ruħna wkoll għal ftit skumditajiet biex inkunu nistgħu nivvjaġġaw u nipproteġu lilna nfusna, u dan jgħodd ukoll għall-pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa.

Ma hemm l-ebda periklu li wieħed iżur l-Art Imqaddsa. Għalkemm in-numru ta' każi tal-pandemija f'Israel u l-Palestina kien għoli, imma nafu wkoll li r-rispons għall-emerġenza, almenu min-naħa ta' Israel, kien effettiv u professjonali. Israel kien fost l-ewwel pajjiżi li ħa miżuri drastiċi imma tajbin biex illum hu wieħed mill-aktar pajjiżi żguri biex tivvjaġġa fihom.

L-appell tagħna hu li nerġgħu nagħmlu kuraġġ u ma nibżgħux immorru nżuru l-Art Imqaddsa. Hu ovvju li persuni li jkunu anzjani ħafna u vulnerabbli forsi ma jistgħux jieħdu riskji li jivvjaġġaw, imma persuni li huma f'saħħithom, li jieħdu

l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa, u li jwieġbu għall-protokolli tas-saħħa mitlubin minn Israel biex wieħed jivvjaġġa, jistgħu liberament imorru jżuru s-Santwarji tal-Fidwa. Dan hu importanti biex ngħinu lill-Insara tal-Art Imqaddsa u lill-Patrijiet Franġiskani li jaħdmu fil-missjoni. Is-sens ta' solidarjetà Kristjana jitlob li nkunu sensibbli għall-bżonn li nsostnu l-missjoni tal-Art Imqaddsa kemm bl-offerta tagħna meta ssir il-ġabra annwali għal din il-missjoni, kif ukoll b'mezzi oħrajn ta' għajnuna, fosthom il-pellegrinaġġ.

Meta inti tmur pellegrin fl-Art Imqaddsa tkun qed tgħin direttament lil tant Insara biex ikollhom xogħol fil-lukandi, aġenziji tal-ivvjaġġar, trasport ta' pellegrini, gwidi ta' turisti. Tkun qed tgħin biex uliedhom ikunu jistgħu jirċievu edukazzjoni fl-iskejjel Kattoliċi, li jimpjegaw diversi għalliema u staff awżiljarju. Tkun qed tgħin biex koppji żgħażagħ isibu appartament biex jikruh bi prezz sostenibbli u sussidjat mill-Kustodja. Tkun qed tgħin biex tant insara, l-aktar f'Betleħem, ikollhom aċċess għal servizz mediku professjonali b'xejn, kif tgawdi inti f'Malta. Mingħajr ma tkun taf, inti tkun parti minn proċess ta' qawmien ġdid soċjo-ekonomiku li jbiegħed mill-Insara l-periklu li jkollhom iħallu l-Art Imqaddsa biex ifittxu futur aħjar, bir-riskju li jispiċċaw bħala immigrati sfruttati.

Dan il-Milied forsi se jkun il-bidu ta' tama ġdida għall-Insara u l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa. Nittamaw li Betleħem terġa' tara numru diskret ta' pellegrini biex jiġu jiċċelebraw it-Twelid ta' Ġesù fl-Art Imqaddsa, kif imdorrijin dejjem jagħmlu. Nafu li mhux se jkun hemm folol, u lanqas ma hu possibbli li jkun hemm. Imma kull grupp żgħir ta' pellegrini hu sinjal ta' tama u ta' kuraġġ biex inkomplu nsostnu din il-missjoni għażiża li hi parti mill-identità tagħna bħala Franġiskani, u li għandha tkun il-mimmi ta' għajnejna bħala membri tal-Knisja li twieldet u xterdet minn din l-Art imqaddsa bil-passi tal-Mulej Ġesù.

Filwaqt li nawgura lilkom benefatturi tal-Art Imqaddsa kull paċi u barka għall-Milied u s-sena 2022, nistedinkom titolbu għall-Art Imqaddsa u tkomplu tagħtu sehemkom favur il-Knisja-Omm tagħna lkoll.

***Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***


*L-Għar tan-Nativitá f'Betleħem*

# L-GĦAR-KNISJA TAN-NATIVITÀ F'BETLEĦEM U L-GĦERIEN ANNESSI

***Noel Muscat ofm***

*Għerien-Knejjes fl-Art Imqaddsa (IV)*

Il-Bażilika tan-Nativitá f'Betleħem hi wieħed mill-aktar santwarji importanti tal-Art Imqaddsa, mhux biss għall-misteru kbir li tfakkar, it-Twelid ta' Ġesù, imma wkoll għall-antikità tagħha. Flimkien mal-Knisja ta' Santa Katerina fis-Sinaj, il-Bażilika tan-Nativitá hi l-unika knisja Biżantina fl-Art Imqaddsa li baqgħet wieqfa intatta mis-seklu 6 sal-lum. L-istorja twila u mqallba ta' dan is-Santwarju mhijiex l-iskop ewlieni ta' din il-kitba, li se tieqaf pjuttost fuq l-Għar-Knisja tan-Nativitá, il-qalba tal-istess knisja. Imma nagħtu biss ħarsa ħafifa lejn il-fażi storiċi biex imbagħad nikkonċentraw fuq il-post tat-Twelid tal-Mulej, li nqimuh fl-Għar-Knisja tan-Nativitá, li jagħmel parti mill-kumpless ta' għerien naturali li huma mħaffrin fil-blat tar-raħal ta' Betleħem, li jixref fuq l-għoljiet tal-Lhudija mdawwar bil-widien li jieħdu lejn id-deżert tal-Lhudija u l-Baħar il-Mejjet.

## Il-Knisja tan-Nativitá matul is-sekli

L-ewwel knisja li nbniet fuq l-Għar li fih l-insara jqimu l-post tat-Twelid ta' Ġesù u l-maxtura li fiha tqiegħed kienet dik li bniet l-Imperatriċi Elena, omm l-Imperatur Kostantinu I, u li ġiet ikkonsagrata fis-sena 339.

Il-Pellegrin anonimu ta' Bordeaux, fl-*Itinerarium*



*Mużajċi restawrati tal-Bażilika tan-Nativitá*

*Hierosolymitanum*, l-eqdem rakkont ta' pellegrin tal-Art Imqaddsa (A.D. 333) jikteb: "Fit-triq, fuq il-lemin, hemm qabar, li fih Rakele, il-mara ta' Ġakobb, ġiet midfuna. Żewġ mili minn hemm, fuq ix-xellug, jinsab Betleħem, fejn il-Mulej Ġesù Kristu twieled. Hemm hekk inbniet bażilika fuq ordni ta' Kostantinu."

L-iskavi li saru jindikaw li din il-knisja kienet bażilika b'ħames navati u b'saqaf tal-injam, li fil-presbiterju tagħha kien hemm binja ottagonali kbira eżatt fuq l-Għar imqaddes. Minn toqba fis-saqaf tal-Għar l-insara setgħu jħarsu lejn il-post tan-Nativitá. Fil-faċċata tal-punent il-knisja kella *atrium*, jew daħla, li kien jinsab fil-bidu tat-triq li twassal fiċ-ċentru tar-raħal ta' Betleħem. Fis-sena 386 ġie jgħix fl-għerien maġenb il-knisja San Ġilormu, li hemmhekk ittraduċa l-Bibbja bil-Latin (edizzjoni Vulgata), u miegħu ġew minn Ruma xi nisa nobbli, fosthom Paula u Eustochium, li kkonsagraw ħajjithom lil Alla. Kienu huma li waqqfu mal-ġenb tal-knisja xi monasteri ta' rħieb irġiel u nisa verġni.

Fis-seklu 6 il-knisja Kostantinjana ġiet meqruda min-nar. L-iskavi fin-navata ċentrali kixfu fdalijiet ta' irmied, injam maħruq u ġebel imkisser fuq il-paviment mużajkat tal-ewwel knisja (li llum għadu jidher f'diversi partijiet tal-bażilika). Kif jikteb Eutichius, *Annales* (PG cxi, 1070) din il-qerda kienet saret wara r-rewwixta tas-Samaritani kontra l-Insara Biżantini fis-sena 529. Kien l-Imperatur Ġustinjanu I (527-565) li reġa' bena l-knisja kif narawha llum.

Il-forma tal-knisja, minn skavi arkeoloġiċi, turi li l-knisja twalet lejn il-punent, u li nbniet quddiem id-daħla tagħha *enonarthex*, jew

portiku msaqqaf quddiem il-faċċata, li kien iservi bħala *atrium*. Il-kolonni tan-navati saru ġodda, kif ukoll ħafna mill-ħitan. Mill-bażilika Kostantinjana fadal biss xi partijiet tal-paviment mużajkat taħt il-paviment attwali. L-istruttura ottagonali fuq il-presbiterju ġiet mibdula fi struttura ta' trifoljo, tliet absidijiet, tnejn fit-transetti tat-tramuntana u n-nofsinhar u wieħed fl-abside tal-lvant (fil-kor tal-Griegi). Saru żewġ daħliet li minnhom il-pellegrini kienu jinżlu fl-Għar tan-Nativitá, fin-naħat tat-tramuntana u n-nofsinhar. Il-fetħa li kien hemm fis-saqaf tal-Għar ġiet magħluqa u fuq l-Għar inbena presbiterju spazjuż. Il-paviment u l-ħitan kienu mżejnin b'mużajċi stupendi, anke fuq l-estern tal-faċċata tal-bażilika.

Kienu dawn il-mużajċi fuq barra li salvaw il-bażilika fl-invażjoni tal-Persjani tas-614-29, billi fuq il-bieb prinċipali kien hemm mużajk li jirrappreżenta l-Maġi lebsin ilbies Persjan, u li ġibed ir-rispett tal-invażuri li ħallew il-bażilika intatta.

Meta fis-sena 638 il-Palestina waqgħet taħt il-ħakma tal-Musulmani (Umayyadi), in-navata tan-nofsinhar tal-bażilika saret post li fih kienu jitolbu l-Musulmani. Il-venerazzjoni tal-Musulmani lejn il-post tat-Twelid ta' Ġesù, li jissemma fil-Koran, kienet x'aktarx ir-raġuni għaliex il-knisja ma ġietx meqruda fid-29 ta' Settembru 1009 waqt il-kaliffat Fatimita ta' al-Ħākim bi-Amar Allāħ (Abū Alī Mansūr), li qered il-knejjes kollha tal-Art Imqaddsa, fosthom anke l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. B'hekk il-Knisja tan-Nativitá f'Betleħem hi l-unika knisja pre-Musulmana li baqgħet intatta fil-Palestina sal-ġurnata tal-lum.

Meta l-Kruċjati okkupaw Betleħem fl-1099 huma sabu l-Knisja tan-Nativitá fl-istat orġinali tagħha tas-seklu 6. Il-monasteri maġenb il-bażilika ma nafux jekk kinux għadhom weqfin. L-irħieb Orjentali kienu naqsu ħafna, għalkemm kien hemm ukoll preżenza ta' monaċi Benedittini Latini fis-sena 1016. Fi żmien il-Biżantini r-raħal ta' Betleħem, għalkemm importanti minħabba l-Bażilika tan-Nativitá, ma kellux isqof. Imma l-Kruċjati riedu jgħollu l-istatus ta' din il-knisja u waqqfu hemmhekk episkopat. Mhux biss, imma fil-lejl tal-Milied tal-1100, Baldwin I għażel li jiġi nkurunat Re Latin ta' Ġerusalemm fil-Bażilika tan-Nativitá, u l-istess għamel is-suċċessur tiegħu Baldwin II fl-1119.

Jacques de Vitry, *Historia Orientalis*, jikteb li l-Kruċjati taw il-binjiet monastiċi maġenb il-bażilika lill-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, li ħadu f'idejhom is-Santwarju taħt it-tmexxija ta' prijur. Imma fl-1110, fuq talba tar-Re Baldwin I, il-Papa Paskal II approva lil Anselin, il-kantur tal-knisja u isqof-elett ta' Askalona, bħala isqof ta' Betleħem. Matul is-seklu 12 saru binjiet ġodda madwar il-knisja ta' Betleħem biex iservu bħala residenza għall-isqof u l-kapitlu. Dawn il-binjiet Kruċjati għadhom jidhru fil-kunvent tal-Armeni, filwaqt li l-fdalijiet tal-monasteru tal-Kanoniċi Agostinjani jipprovdu l-bażi tal-kunvent attwali ta' *Sancta Catharina ad Nativitatem* tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa. X'aktarx li kien



*Il-Bażilika tan-Nativitá mill-għoli*

hemm ukoll ospizji u sptar għall-pellegrini, li kienu ilhom jeżistu mis-seklu 4 imma li huma dokumentati fl-1245.

Ir-restawri reċenti li saru fil-Bażilika tan-Natività mill-2013, taħt id-ditta Piacenti S.p.a. ta' Prato, Italja, kixfu elementi interessantissimi dwar il-ħidma tal-Kruċjati f'din il-knisja. Nafu li fis-snin 1165 jew 1169, fis-saltna tal-Imperatur Biżantin Manuel I Komnenos ta' Kostantinopli, u r-Re Latin ta' Ġerusalemm Amalric, meta kien isqof ta' Betleħem Rodolfo I, ġew restawrati l-mużajċi stupendi li llum jistgħu jitgawdew fil-freskezza oriġinali tagħhom, u li diversi minnhom ġew salvati, kif ukoll saru l-pitturi tas-sensiela ta' qaddisin tal-Knejjes tal-lvant u tal-punent fuq il-kolonni tan-navati fl-1130, u llum ġew imnaddfin min-nugrufun li kien għattiehom matul is-sekli. Il-Bażilika tan-Natività f'Betleħem hi l-isbaħ eżempju ta' djalogu ekumeniku bejn il-Knisja Kattolika Latina u dik Ortodossa Biżantina fil-kollaborazzjoni tal-opri ta' arti li fiha.

Fil-15 ta' Settembru 1187 Saladin keċċa lill-isqof u l-kanoniċi minn Betleħem, ftit ġimgħat qabel keċċa lill-Kruċjati minn Ġerusalemm. Il-knisja sfat magħluqa, imma mbagħad Saladin ħalla lil xi monaċi Sirjani jufficċawha, u fl-1192 ta permess lil xi qassisin u djakni Latini biex jirritornaw. L-isqof u l-kanoniċi sabu kenn fil-belt Kruċjata ta' Akri fuq il-kosta tal-Palestina. Sadanittant il-Musulmani ma messewx il-knisja ta' Betleħem, imma l-Insara orjentali tħallew iżejnu l-knisja bl-istil tagħhom, kif naraw fil-bibien tal-injam imnaqqax li għamlu l-Armeni fl-1227 fil-faċċata interna tal-knisja, rigal tar-Re tal-Armena Hetum. Dan fih iskrizzjonijiet bl-Armen u bl-Għarbi.

Fl-1229, meta l-Imperatur Federiku II għamel trattat ta' paċi mas-Sultan tal-Eġittu al-Malīk al-Kamīl, Betleħem ingħatat lura lill-Kruċjati. Dawn damu hemmhekk, flimkien mal-isqof u l-kanoniċi, sal-25 ta' April 1244, meta l-knisja ġiet profanata mit-Torok Kwariżmjani, u l-Latini tilfu darba għal dejjem il-ħakma politika fuq Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa, ħlief għal Akri u xi fortizzi fuq il-kosta, li kollha spiċċaw fit-18 ta' Mejju 1291. Fl-1266 il-Kristjani Latini kollha ta' Betleħem ġew imkeċċijin mis-Sultan Mameluk Baybars (Al-Malīk al-Zahīr Rukn al-Din Baibars al-Bunduqdari), li qered il-monasteru ta' Betleħem. Il-ħsarat li għamel Baybars, iżda, ma jidhrux li kienu eċċessivi, għax bosta strutturi tal-monasteru jidhru għadhom weqfin fid-disinn li Patri Bernardino d'Amico, Gwardjan tal-Franġiskani f'Betleħem, għamel tal-knisja u l-binjiet ta' madwarha fl-1596. Fl-1277 il-pellegrini Latini setgħu jirritornaw lejn Betleħem u baqgħu jiġu sal-waqgħa ta' Akri fl-1291.

Fl-1347 il-Franġiskani waslu Betleħem, wara li fl-1333 kienu stabilixxew ruħhom fiċ-Ċenaklu biex jufficċjaw fil-Qabar ta' Kristu. Fl-1342 il-Papa Klement VI kien iddikjarhom Kustodji tal-Postijiet Imqaddsa tal-Art Imqaddsa. Minn dak il-ħin huma bdew jieħdu ħsieb tal-Knisja tan-Natività u tal-Għar tan-Natività sal-ġurnata tal-lum.

L-istorja suċċessiva se nħalluha barra, għax tirrigwarda l-konvivenza kontinwa tal-Franġiskani mal-Griegi u l-Armeni Ortodossi, u knejjes oħrajn Orjentali f'Betleħem. Storja twila ta' tensjoni u ftehim, li tibda fl-1244, meta l-Griegi Ortodossi kellhom diġà f'idejhom l-altar maġġur tal-knisja ta' Betleħem u l-monasteru fuq in-nofsinhar tal-bażilika. Il-Franġiskani marru joqogħdu fil-fdalijiet tal-monasteru tal-Kanoniċi Agostinjani, fuq in-naħa tat-tramuntana tal-bażilika, fejn bnew il-kunvent tagħhom u, aktar tard, wara li fl-1757 il-Griegi Ortodossi okkupaw il-bażilika kollha, fl-1881 huma bnew il-Knisja parrokkjali ta' Santa Katerina ta' Lixandra

*ad Nativitatem*, tmiss mal-Bażilika tan-Nativitá.

## L-Għar-Knisja tan-Nativitá

Fost is-Santwarji tal-Fidwa fl-Art Imqaddsa, l-Għar tan-Nativitá hu ċertament wieħed mill-aktar oriġinali u importanti, flimkien mal-Qabar ta' Kristu, il-Kalvarju, u l-Għar tal-Annunzjazzjoni f'Nazaret. Kif diġà rajna fil-każ ta' dan tal-aħħar, il-Palestina hi kkaratterizzata minn għerien naturali fil-blat tal-għoljiet li jixirfu fuq id-deżert, l-aktar fil-Lhudija, u li kienu jintużaw minn dejjem bħala postijiet ta' kenn għall-abitazzjoni, għall-ħażna ta' prodotti tal-ikel, żejt u nbid, u għall-bhejjem. Betleħem toffri ħafna eżempji ta' dawn l-għerien. Biżżejjed ngħidu li l-Għar tan-Nativitá jifforma parti minn kumpless ta' għerien li jestendi taħt parti kbira mill-bażilika, u li maż-żmien ġew assoċjati ma' personaġġi u ġrajjiet marbutin mat-Twelid ta' Ġesù (San Ġużepp, il-Qaddisin Innoċenti Martri) jew ma' personaġġi li għexu ħajja eremitika fihom (il-qabar ta' San Ġlormu, u l-għerien ta' Santa Paula u Eustochium). Il-Griegi Ortodossi għandhom ukoll ambjent ieħor ta' għar, imsejjaħ ukoll bl-isem "Għar tal-Innoċenti", li l-aċċess tiegħu jinsab fil-bitħa li hemm barra l-bieb tat-transett tan-nofsinhar tal-bażilika.

Interessanti li ftit jafu bl-eżistenza ta' għar li jmiss dahar ma' dahar mal-Għar tan-Nativitá, u li llum hu proprjetà tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa (l-aċċess għalih hu minn taħt is-sagristija tal-Knisja ta' Santa Katerina *ad Nativitatem*). Dan l-għar jinsab maġenb ġiebja li t-tradizzjoni tgħid li fiha waqgħet il-Kewkba li raw il-Maġi, u li l-ilma tagħha ntuża biex il-Verġni Marija tiġi ppurifikata wara t-Twelid ta' Ġesù, u fejn it-tarbija Ġesù ġie mogħti l-ewwel banju tiegħu. Hemm ukoll mejda fil-blat li fuqha l-Maġi poġġew ir-rigali tagħhom. Xhieda ta' dan jagħtihielna l-pellegrin Saewulf (1102-3):

"Il-belt ta' Betleħem fil-Lhudija tinsab sitt mili lejn it-tramuntana ta' Ġerusalemm. Is-Saraċini ma ħallew xejn hemmhekk mill-bini, għax kollox hu meqrud, ħlief il-monasteru tal-imqaddsa Verġni Marija li hu binja kbira u nobbli. Fil-knisja hemm kripta taħt il-kor, fin-nofs, li fiha jinsab il-post tat-twelid tal-Mulej, kemmxejn lejn ix-xellug. Aktar fil-baxx, lejn il-lemin, qrib il-post tan-Nativitá, hemm il-maxtura fejn kien hemm il-barri u l-ħmar meta t-tfajjel tpoġġa fiha; hemm ukoll il-ġebla li fuqha straħet ras il-Feddej fil-qabar, li inġabet hawnhekk minn Ġerusalemm minn San Ġlormu. Din tinsab fil-maxtura. San Ġlormu nnifsu jinsab midfun fl-istess knisja, taħt l-altar, lejn il-grigal; u l-Innoċenti li kienu nqatlu minn Erodi għat-tfajjel Ġesù, jinsabu taħt l-altar fit-tramuntana tal-knisja, kif ukoll iż-żewġ nisa qaddisin Paula u bintha l-verġni Eustochium. Hemm mejda tar-rħam li fuqha l-Verġni Marija kielet mat-tliet Maġi, wara li huma offrew ir-rigali. Hemm ukoll ġiebja fil-knisja, qrib il-kripta tat-Twelid tal-Mulej,



*Stilla li timmarka l-post tat-Twelid ta' Ġesù*

li fiha jingħad li waqgħet il-kewkba. Hemmhekk jinsab ukoll il-banju tal-Verġni mqaddsa Marija."

L-eqdem xhieda dwar l-Għar tan-Nativitá, li kien oriġinarjament wieħed mill-għerien li kienu jagħtu fuq Wadi el-Kharubeh (Wied il-Ħarrub) jagħtihielna San Ġustinu Martri f'nofs is-seklu 2, u mbagħad Oriġene f'nofs is-seklu 3. L-Għar tan-Nativitá attwalment jinsab fiċ-ċentru tal-bażilika u għandu forma rettangolari, li tiżviluppa f'direzzjoni lvant-punent, b'għar ċkejken aktar baxx fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar, li hu l-post tal-Maxtura. F'niċċa fil-lvant hemm abside ċkejkna bl-altar li taħtu hemm l-istilla tal-fidda, imqiegħda mill-Franġiskani fl-1717 bil-kelmiet *Hic de Virgine Maria Iesus Christus natus est* (Hawnhekk mill-Verġni Marija twieled Ġesù Kristu), li jindikaw il-post venerat tat-Twelid tal-Mulej.

L-Għar tan-Nativitá kif narawh illum hu x'aktarx riżultat ta' xogħlijiet li għamlu l-Kruċjati fit-tieni nofs tas-seklu 12. L-unika parti tal-blat tal-Għar oriġinali li għadha viżibbli hi dik li hemm fil-kappella tal-Maxtura, proprjetà tal-Franġiskani. Il-ħitan tal-ġnub tat-tramuntana u nofsinhar jikkorrispondu għall-binja li saret fuq il-presbiterju għoli li hemm fuq l-Għar. Il-Kruċjati għamlu wkoll il-bibien gotiċi tar-rħam fuq iż-żewġ naħat tal-presbiterju, li minnhom tinżel u titla' fl-Għar. Dawn il-bibien għandhom fil-ġnub kolonni bil-kapitelli u lunetti mill-isbaħ. Il-bibien infushom huma tal-bronż u jmorru lura għas-sekli 5 jew 6.

Fi żmien il-Kruċjati, u wkoll fi żmienna, l-aċċess għall-Għar kien min-nofsinhar. Madwar l-1175 Teodoriku jikteb: "Wieħed jinżel f'għar taħt l-art, fejn hemm altar ġo niċċa, u mal-art għandu salib immarkat. L-altar fih erba' kolonni żgħar, li fuqhom hemm mejda tar-rħam. F'dan il-post hemm din l-iskrizzjoni: *Angelice lumen virtutis et eius acumen / Hic natus vere Deus est de virgine matre* (Id-dawl tal-qawwa anġelika u d-dija tiegħu / Hawnhekk twieled il-veru Alla minn omm verġni). Lejn il-punent, fl-istess għar, wieħed jinżel erba' tarġiet u jasal fil-maxtura. Il-maxtura nnifisha ġiet miksija bl-irħam, u għandha tliet toqbiet fil-parti ta' fuq, li minnhom il-pellegrini jistgħu jbusu l-maxtura. Il-kripta hi mżejna b'mużajċi sbieħ."

Din l-iskrizzjoni diġà jsemmiha Würzburg madwar l-1165. Il-mużajċi kienu jmorru lura għal qabel żmien il-Kruċjati. Minnhom illum fadal biss xi frammenti fuq l-altar tan-Nativitá. Dan il-mużajk kien jirrappreżenta x-xena tan-Nativitá, bl-anġli, rgħajja, Maġi u bhejjem, u taħt kien hemm l-iskrizzjoni *Gloria in excelsis Deo et in terra pax hominibus bonae voluntatis*. Dan il-mużajk hu deskritt minn Ġwann Phocas fl-1185.

Minn dan it-tiżjin ta' żmien il-Kruċjati llum ma fadal kważi xejn. Il-ħitan tal-Għar huma miksijin minn tappezzerija tal-asbestos, li kienet rigal tal-President tar-Repubblika ta' Franza il-Marixxal Mac-Mahon fl-1874. Dawn saru wara li t-tappezzeriji tad-drapp li kien hemm qabilhom inqerdu fin-nirien li ħakmu l-Għar tan-Nativitá fl-1869.

L-istorja tal-Għar-Knisja tan-Nativitá hi simili għal dik ta' Santwarji oħrajn fl-Art Imqaddsa, bħalma hu l-Qabar ta' Kristu. Meqjuma mil-Lhud-Kristjani tal-ewwel seklu, li kellhom ċertament rabta mal-familja mqaddsa, billi Ġużeppi kien mil-linja ta' David u l-oriġini tiegħu kienu minn Betleħem, fis-sena 135 l-Imperatur Ælio Adriano, wara t-tieni rewwixta tal-Lhud, dik ta' Bar Kokhba, iddeċieda li jbiddel it-tifkiriet tal-Lhud-Kristjani f'santwarji pagani. L-Għar tan-Nativitá messitu x-xorti li jiġi mibdul f'santwarju lil alla Adonis/Tammuz, l-alla tal-veġetazzjoni, u fuqu tħawwel bosk sagru. Ir-raġuni kienet sempliċi. Adonis kienu jemmnu li kien imut u jerġa' jitwieled ma' kull ċiklu tal-istaġuni permezz tal-veġetazzjoni,

u għaldaqstant il-pagani riedu jnessu t-Twelid tal-Messija bi twelid ieħor popolari li jeħodlu postu, biex f'dak il-post min jidħol jinsa l-biki tat-tfajjel divin Ġesù u jiftakar fil-biki tat-telfa ta' Adonis meta l-veġetazzjoni tmut, fl-istennija li terġa' titwieled fir-rebbiegħa. L-Għar baqa' f'dan l-istat sas-sena 313, meta bl-editt ta' Kostantinu r-reliġjon Kristjana saret ir-reliġjon uffiċjali tal-imperu. Imbagħad Elena, omm Kostantinu, kif rajna, żaret Betleħem u l-postijiet oħrajn tal-Art Imqaddsa u fis-snin 333-339 ġie mibnija l-Bażilka Kostantinjana u l-Għar reġa' akkwista l-importanza li kellu fil-bidu.

Il-Franġiskani waslu Betleħem fl-1347. Il-Franġiskan Fra Niccolò da Poggibonsi jagħti xhieda ta' dan fil-*Libro d'Oltremare*, li jkopri s-snin tal-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa bejn l-1346 u l-1350: "Aħna erġajna lura fil-knisja ta' Betleħem, li llum tinsab f'idejn il-patrijiet Minuri ta' San Franġisk, u li tahielna bħala rigal Medefar, Sultan ta' Babilonja; u kien hemm il-patrijiet hemmhekk meta jien kont Ġerusalemm"



*Santa Elena Imperatrici*

(*Libro d'Oltremare*, I, 236). Is-Sultan li jsemmi Nicolò kien Muzaffar Ħaġġi, li kien Sultan tal-Kajr fl-1346-47. Il-Franġiskani marru joqogħdu fil-kunvent li bnew fuq ir-rovini tal-monasteru tal-Kanoniċi Agostinjani u bdew jieħdu ħsieb il-bażilika. Fl-1479 il-Gwardjan Patri Giovanni Tomacelli ħa ħsieb jibni mill-ġdid is-saqaf tal-bażilika, li għadu l-istess wieħed tal-lum. L-injam ġie offrut minn Philippe ta' Borgogne u twassal fl-Art Imqaddsa minn xwieni Venezjani, filwaqt li ċ-ċomb tas-saqaf ingħata mir-Re Edward IV tal-Ingilterra. Sadanittant, mal-miġja tat-Torok Ottomani fil-Palestina fl-1517, il-Franġiskani sabu tfixkil kbir fil-ħarsien tad-drittijiet tagħhom fuq is-Santwarju, l-aktar mill-Griegi Ortodossi, li mhux l-ewwel darba ippruvaw jieħdu l-bażilika f'idejhom, kif għamlu fl-1690, imma mbagħad b'mod definittiv fl-1757. F'dik is-sena l-Franġiskani tilfu partijiet kbar mill-bażilika u anke l-altar tat-Twelid ta' Ġesù fl-Għar tan-Nativitȧ. Baqgħu jżommu biss l-altar tal-Maxtura fl-istess Għar, u t-transett tat-tramuntana tal-bażilika, sakemm dan ukoll ġie meħud minnhom mill-Armeni Ortodossi.


*Grotta ta' S. Ġilormu*

It-tensjoni bejn Latini (Franġiskani) u Griegi Ortodossi wasslet għal inkwiet kbir fl-1847, meta f'daqqa waħda sparixxiet minn taħt l-altar tan-Nativitȧ l-istilla tal-fidda li hi l-akbar prova tad-drittijiet Latini fuq il-post. Dan il-ġest li ried iħassar kull tifkira Latina fil-Grotta wassal għal tensjoni wkoll fuq livell politiku internazzjonali. Fil-fatt, fl-1852 il-qawwiet Ewropej, l-aktar Franza, Piemonte u l-Ingilterra, alleati mat-Torok Ottomani, daħlu fi gwerra kontra t-Tzar tar-Russja. Il-gwerra kienet dik tal-Crimea. Il-kawża ewlenija ta' din il-gwerra kienet proprju ġejja mill-misteru tal-istilla tan-Nativitȧ li tneħħiet minn postha. Ir-Russja kienet daħlet biex tipproteġi lill-Griegi Ortodossi, kif kienet diġà għamlet fil-kwestjoni tar-restawr tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu wara l-ħruq tal-1808. Wara ħafna protesti mill-gvern Franċiż, li fl-aħħar indaħal biex jaqbeż għad-drittijiet tal-Latini f'Betleħem, it-Torok Ottomani ddeċidew li l-Franġiskani kellhom id-dritt li jwaħħlu mill-ġdid l-istilla f'postha. Saret stilla ġdida tal-fidda, eżatt bħal dik li sparixxiet. Din l-istilla għadna narawha sal-ġurnata tal-lum taħt l-altar tan-Nativitȧ, u għadhom jidhru ċari fiha l-kliem Latini u d-data 1717 li tikkonferma d-drittijiet Latini fuq il-Grotta. L-istilla oriġinali sparixxiet u baqa' misteru fejn ittieħdet. Imma ftit qabel l-1949, wieħed ġurnalista Lhudi li kien żar il-monasteru Grieg Ortodoss ta' Mar Saba, qrib Betleħem, kiteb li hu kien ra personalment din l-istilla moħbija f'dan il-monasteru fid-deżert. Tentattivi biex din l-istilla titneħħa saru kemm il-darba, kif għidna, u saħansitra fl-1950 kienu tneħħew l-imsiemer li jżommuha marbuta mal-art.

Il-Franġiskani tħallew iżommu ż-żona tal-kappellun tax-xellug tal-presbiterju tal-Bażilika

tan-Natività, biex jgħaddu minnu għall-purċissjonijiet lejn il-Grotta. Imma aktar tard, fl-1810, il-Franġiskani żbaljaw meta kkonċedew lill-Armeni li jqiegħdu altar mobbli f'dan il-kappellun, u fl-1814 l-Armeni akkwistaw id-dritt li juffiċjaw f'din iż-żona tal-Bażilika li bdew iqisuha tagħhom. Lill-Franġiskani ħallewlhom biss passaġġ dejjaq immarkat bl-imsiemer mal-art biex jgħaddu minn fuqu kull meta jmorru fil-Grotta. Wara ftit imbarraw il-bieb tal-kappellun li jinfed mal-kjostru ta' San Ġilormu (illum mal-knisja ta' Santa Katerina). Kien biss fl-1836 li l-Franġiskani akkwistaw id-dritt li jiftħu l-bieb mill-ġdid, wara l-indħil ta' François d'Orleans, Prinċep ta' Joinville, li kien fuq żjara fl-Art Imqaddsa, u sal-lum dan il-bieb jissejjaħ il-bieb ta' Joinville.

## L-Għar tal-Ħalib

F'distanza qasira mill-Bażilika tan-Natività, malli ddur fuq ix-xellug mill-Pjazza tal-Maxtura u terġa' lejn ix-xellug, hemm trejqa li twasslek fis-Santwarju tal-Għar tal-Ħalib (bl-Għarbi *Mugharat as-Sitti Mariyam* - L-Għar ta' Sidti Marija), li hu f'idejn il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa. Dan l-Għar-Knisja hu marbut ma' tradizzjoni antika f'Betleħem.

Sa mis-seklu 7 fil-punent kienu juru relikwi ta' trab tal-franka abjad ġej minn Betleħem, u li kien jissejjaħ "il-Ħalib tal-Verġni." Fl-1123 l-Isqof ta' Betleħem, Aschetin, mar jassisti fl-assedju ta' Askalona billi ġarr miegħu pissidi li fih kien hemm il-Ħalib tal-Imqaddsa Marija. L-oriġini ta' din ir-relikwa hu proprju dan l-Għar li jinsab fuq ix-xaqliba tax-xlokk tal-Bażilika tan-Natività. Dan



l-Għar hu miżmum fit-tradizzjoni bħala l-post li fih il-Familja Mqaddsa sabet kenn matul il-Massakru tal-Innoċenti li għamel Erodi, proprju qabel ħarbet lejn l-Eġittu. L-anġlu tal-Mulej deher lil Ġużeppi u qallu jaqbad lit-Tarbija Ġesù u lil Ommu Marija u jaħrab bil-lejl lejn l-Eġittu (cfr. Mt 2,13-15). Fl-għaġġla biex taħrab, billi kienet qed tradda' lit-Tarbija Ġesù, xi qtar tal-ħalib tagħha waqgħu fuq il-blat tal-Għar, li sar kollu abjad. Sa mis-seklu 13 it-trab abjad ta' dan l-Għar beda jiġi meqjus li għandu proprjetajiet mirakolużi biex jgħin lill-ommijiet fil-maternità, speċjalment biex ireddgħu lit-trabi tagħhom, jew ukoll biex isolvi problemi ta' koppji li ma jistgħux ikollhom tfal.

L-Għar fejn il-Familja Mqaddsa kienet tgħix f'Betleħem sa ma ħarbet fl-Eġittu, distint mill-Għar tan-Nativitá, jiġi deskritt mill-Abbati Danjel fl-1106-07. Burchard tal-Għolja ta' Sijon isemmi wkoll knisja tal-Qaddisin Paula u Eustochium li kienet tinsab fix-xlokk tal-Knisja tan-Nativitá u jgħid li dawn il-qaddisin kienu midfunin fiha. Ma nafux kemm din it-tradizzjoni kienetx awtentika, billi l-oqbra ta' dawn il-qaddisin huma pjuttost imqiegħdin fl-għerien taħt il-Bażilika tan-Nativitá, maġenb dak tal-qabar ta' San Ġlormu.

Fil-fatt, f'dan il-post tal-Għar tal-Ħalib kien hemm knisja fis-seklu 12, imma din kienet iddedikata lil San Nikola. Fis-seklu 14 jingħad li din il-knisja kienu jieħdu ħsiebha l-Griegi Ortodossi. Fil-fatt, jidher li dan il-post dejjem kellu rabta mal-Knisja Biżantina, mhux biss minħabba d-dedikazzjoni lil San Nikola ta' Myra (qaddis Orjentali), imma wkoll għax hemmhekk instabu xi mużajċi, fdalijiet ta' monasteru Biżantin.

Fl-1347 Niccolò Poggibonsi jikteb: "Hemm monasteru sabiħ imsejjaħ għal San Nikola, u hemmhekk jgħixu monaċi Griegi. Il-monasteru hu fortifikat b'mod qawwi. Id-daħla hi minn bieb ċkejken li jniżżlek taħt l-art minn tnax-il tarġiet kbar lejn tliet għerien taħt il-knisja. L-għar hu mudlam u fih altar wieħed. Hemmhekk hu l-post li fih Santa Marija baqgħet moħbija għal erbgħin jum mat-Tifel tagħha Ġesù Kristu u ma' San Ġużepp, meta kien hemm il-persekuzzjoni mill-krudil Erodi."

Sadanittant fl-1347 il-Franġiskani kienu waslu Betleħem, u jidher li f'dak iż-żmien ħadu f'idejhom ukoll l-Għar tal-Ħalib. Fl-1375 il-Papa Girgor XI awtorizzahom biex jibnu mill-ġdid dik il-knisja ta' San Nikola, imma sa tmiem is-seklu dik il-knisja kienet għoddha mġarrfa u l-monaċi Griegi ma kinux għadhom hemmhekk. Fl-1494 dan l-Għar bil-fdalijiet ta' fuqu għadda b'mod uffiċjali bħala proprjetà tal-Franġiskani.

## Riferenzi

Dennis Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume 1 A-K (excluding Acre and Jerusalem), Cambridge University Press 2008, pp. 137-157; Heinrich Fürst - Gregor Geiger, *Terra Santa. La Guida della Custodia di Terra Santa*, Edizioni Terra Santa, Milano 2017, pp. 539-561.

# IL-LIŻAR TA' TURIN XHIEDA AWTENTIKA TAL-PASSJONI, TAL-MEWT U L-QAWMIEN TA' KRISTU



*Fr Charles Buttigieg*

Il-liżar ta' Kristu li jinsab ġewwa Turin, hu magħmul minn ħajt tal-għażel (Z-spun) u fih 4.42 metri tul b'wisa' ta' 1.13 metru, b'dimensjoni ta' 5 metri kwadri u jizen 2.45 kg. Il-liżar (bl-Ebrajk *sovev* jew *takrikim*; bil-Grieg *sindon* u bit-Taljan *sindone*) għandu l-immaġni ta' Kristu mejjet wara l-Passjoni u l-mewt tas-Salib. Il-liżar kien sofra xi danni minn ħruq ta' qtar tal-fidda maħlula, fejn kien jinsab ġewwa Chambery fi Franza fl-1532. Huwa l-liżar li kebbew fih il-ġisem ta' Ġesù minn fuq is-Salib fil-ġurnata ta' lejlet is-Sibt sabiex ipoġġuh fil-qabar. Huwa jinsab fil-Katidral ta' Turin fejn bejn il-lejl tal-11 u tat-12 t'April tal-1997 il-Katidral ġarrab xi nirien imma l-liżar ġie salvat mill-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili. L-ewwel ritratt li n-negattiva rriżultat f'imaġni pożittiva saret fl-1898 minn Secondo Pia. Qabel ma l-liżar wasal f'Lirey huwa kien qabel ġewwa Kostantinopli fejn il-Patrijarka Ġermanu kien kiteb il-Kanoni għall-Festa tal-Liżar Qaddis.

Il-liżar juri b'mod ċar il-feriti, madwar 120 marka, tal-flaġellazzjoni li ġarrab Kristu. Il-flaġellazzjoni (*horribile flagrum*) bil-*flagellum* jew *flagrum* kienet issir minn suldat jew żewġ suldati (jgħidulhom *lictores*), li għar-rumani ma kienx hemm numru stabbilit u għalhekk kien jissejjah 'horribile flagrum' (is-*supplicium more maiorum* kienet twassal għall-mewt), filwaqt li l-Lhud kellhom l-erbgħin daqqa neqsin waħda (ara Dewt 28:58 u Salm 78:38, eżattament tlettax fuq is-sider u 26 fuq l-ispallejn mad-dahar 'l isfel).

L-idejn u s-saqajn jidhru li kienu msammrin, l-ewwel il-leminja mas-salib imbagħad ix-xellugija fuq dik tal-lemin, hemm il-feriti tal-kuruna tax-xewk (b'kollox 50 marka) u tad-daqqa tal-lanza fil-ġenb tal-kustat: "Huma għad iharsu lejn min nifdu" (Gwanni 19:36). Skont testijiet immunoloġici li saru fl-1982, id-demm fuq il-liżar huwa ta' bniedem twil 1.75m tip AB, l-istess tip li nsibu fil-mirakli ewkaristiċi bħal ta' Lanciano u fis-Sudarium (bil-Grieg: *soudario*, maktur) ta' Oveido fi Spanja li għandu kejl ta' 83cm bi 52cm. Spiritwalment dan juri li Ġesù jixtieq jilqa' lill-bnedmin kollha f'qalbu. Fatt ieħor interessanti li l-kobor tal-imnieher tal-vittma fil-liżar ta' Turin jaqbel mas-sudarium ta' Spanja. Dan il-maktur jissemma fil-vanġelu ta' San Gwann fejn Pietru u Ġwanni x'ħin marru hdejn il-qabar jaraw


*L-altar fil-kappella tal-liżar*

il-liżar miġbur (*keimena*) u l-maktur impoġġi għalih u għalhekk naraw hawnhekk il-liżar bhala l-ewwel xhieda tal-qamwien fejn l-appostli raw u emmnu. Minnbarra dan hemm 120 punt ta' koinċidenza fil-wiċċ ta' Turin u dak ta' Oveido. Hemm il-ġrieħi tal-ispalla tal-lemin li tidher daqsxejn baxxa mill-ispalla l-oħra li għandha ukoll feriti u dan minħabba s-salib u anke dawk ikkawżati mid-daqqa ta' lanza li kienet twila 4.5 cm u wiesgħa 1.5 cm. Dan jidher mid-demm u mill-ilma (post mortem) li hemm immarkat fuq il-liżar. Jidher ukoll li s-sieq tal-lemin kienet dislokata mill-għaksa minħabba t-tbatija tal-passjoni u l-irbiet tal-ħbula fit-tislib.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika f'paragrafu 613, jurina li fis-salib hemm il-mewt ta' Kristu bhala sagrifiċċju waħdieni u definittiv: "is-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid (ara 1 Korintin 11:25) li jerġa' jdaħħal il-bniedem f'xirka ma' Alla, huwa u jħabbu miegħu bid-"demm li jixxerred għall-kotra għall-mahfra tad-dnubiet (Mattew 26:28)". Il-liżar juri wkoll li l-ġisem mal-għadam ma safa' ebda ksur: "Iżda meta waslu għal Ġesù billi raw li kien ġa mejjet, ma kissrulux riġlejh" (Ġwanni 19:33, ara ukoll Salm 34:21). Anke l-haruf tal-Għid tal-Lhud għall-ikla tal-Għid ma kienet tinkisirlu ebda għadma (ara Eż 12:46). Ġesù fuq is-salib huwa l-Ħaruf li ma tinkisirlu ebda għadma. Fuq l-għajnejn jidhru sinjali ta' żewġ muniti li kienu jitpoġġew fuq l-għajnejn magħluqa tal-mejjet. Mill-istudji li kien għamel il-Ġiżwita Francis Filas ta' Chicago fl-1931 juri li l-munita kienet ta' żmien Ponzju Pilatu.


*Manifest ostenzjoni tal-1898*

Id-drapp tal-għażel tal-liżar kien studjat minn Gilbert Raes tal-Ghent Institute of Textile Technology tal-Belġju. Huwa ma eskludiex li l-liżar seta' ġie magħmul fil-Ilvant Nofsani. Fl-1973 u fl-1978 il-kriminologu Żvizzeru Max Frei Sulzer identifika 56 speci ta' pollini differenti li joriġinaw mill-ambjent tal-Palestina fosthom iċ-*ceratonia siliqua* li hija tal-ħarrub, il-*balanites aegyptiaca* tal-palma tad-dezert u ċ-*cercis siliquastrum* tas-siġra tal-Ġudeja u għalhekk mhux mill-Asja Minuri. Skopra ukoll tracci ta' alowe u mirra uzati fil-Palestina għad-dfin tal-mejtin li jisabu fil-Medju Orjent biss bhal-*acacia albida*, *gundelia*, *hyoscyamus aureus* u *onosma orientalis*.

Il-Botanista Avinoam Danin tal-Università Ebrajka ta' Ġerusalemm isostni wkoll li fjuri kienu tpoġġew fuq il-ġisem imkebbeb fil-liżar kif huwa identifika bil-metodu *Polarized Image Overlay Technique*. Il-fjuri marbuta mal-Palestina



u max-xhur ta’ Marzu u April huma l-*Gundelia tournefortii*, *Zygophyllum dumosum*, *Capparis aegyptia* u *Cistus creticus*. Il-fiżicisti tal-Air Force Amerikana John Jackson u Eric Jumper ikkonkludew li l-liżar verament tkebbeb element tri-dimensjonali go fih.

Il-liżar huwa xhieda u fl-istess hin ‘ikona’ msawwra mid-demm qaddis u minn Kristu nnifsu bil-passjoni tiegħu li xerred demmu kollu għalina, eżattament bħall-ħaruf tal-Għid li kien jiġi skarnat kollu (nikur) għaliex il-Lhud ma kinux jieklu laħam bid-demm fih. Li Ġesù xerred demmu kollu għalina, jgħidilna Ġwanni l-Evanġelista preżenti huwa nnifsu taħt is-salib, meta wieħed mis-suldati mar jagħti daqqa ta’ lanza fil-kustat ta’ Ġesù mejjet fuq is-salib: “Madankollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b’lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma” (Ġwanni 19:35). Skont id-Dewteronomju 21:22-23 l-imsallab li kien ‘saħta’ għall-poplu kien jindifen fl-istess jum u ma kinux iħallu l-ġisem mejjet tiegħu fuq is-salib għaliex kien ikun ta’ tinġiż, l-iktar għal-jum il-kbir tal-Għid bħalma kien dak in-nhar li sallbu lil Ġesù. L-imsallbin kienu meqjusa bħala nies kriminali li ħadu l-piena tal-mewt u kienu jindifnu ġewwa fossa komuni. Fil-każ ta’ Ġesù Ġużeppi ta’ Arimateja (il-belt ta’ Samwel) u Nikodemu (Fariżew) jippreparaw difna xierqa u rjali għal Ġesù f’qabar ġdid. Din għalihom hija stqarrija kuraġġuża pubblika quddiem il-Lhud li ċaħdu r-Re tagħhom u dan deher fl-iskrizzjoni li kiteb Pilatu fuq is-salib. Huma fuq kollox iservu bħala żewġ xhieda awtentiċi skont il-liġi Lhudija sabiex issir id-difna. Il-Lhud li riedu jneħħu lil Ġesù minn fuq is-salib waqt li d-dixxipli ħadu l-ġisem mejjet minn fuq is-salib għad-difna. Ta’ min jinnota ukoll li billi il-jum s-Sibt kien diġà beda mill-Ġimgħa filgħaxija, il-jum li fih il-Lhud ma jagħmlux xogħol, il-ġisem ta’ Ġesù aktarx ma nħasilx mid-demm u għalhekk id-demm baqa’ fuqu liema demm ħalla

s-sinjali tiegħu fuq il-liżar. Skont San Ġwann qabel id-difna wara li niżżluh mis-salib u tkeffen fil-liżar, lil Ġesù' kebbuh (Grieg: *deo*) fil-faxex (bħal fil-każ ta' Lazzru, ara Gw 11:44) u għalhekk dawn il-faxex (bil-Grieg *othonia*) komplew jagħmlu pressjoni sabiex id-demm ta' Kristu jċappas il-liżar li tkeffen fih. Il-faxex kienu jintużaw biex jorbtu l-wiċċ mill-geddum sar-ras ħalli l-fomm jibqa' magħluq u kienu jintużaw biex jorbtu l-idejn u s-saqajn. Il-ġisem però kellu jiġi maħsul u midluk bil-fwejjaħ tal-aloe u mirra wara li jgħaddi s-Sibt. Fil-fatt il-liżar direttament fuq il-ġisem ta' Ġesù jagħti ħjiel li dan kien se jerġa' jitneħħa ħalli faċilment jitkompla r-ritwal tat-tkeffin malli jgħaddi s-Sibt. Fil-fatt Lazzru meta qam kien infaxxat kollu kemm hu. Fil-fatt Nikodemu, fl-evanġelju ta' San Gwann kien gab 30 kilo ta' fwejjaħ. Ġużeppi minn Arimatija mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù; niżżlu mis-Salib, keffnu f'liżar u qiegħdu f'qabar maqtugħ fil-blat fi ġnien, li fih kien għadu ma tqiegħed ħadd, qabar ta' wieħed sinjur bħalma kien l-Arimateja. "Qiegħed tibni qabar għalik, bħal min iħaffer għalih qabar fl-għoli u jaqta' għamara għalih fil-blat" (Isaija 22:16). Il-qabar kien ikun bogħod mill-belt qaddisa ta' Ġerusalemm madwar 25 metru. Fil-bażilika tal-Qabar ta' Kristu l-qabar huwa 'l bogħod mill-Kalvarju xi sittin pied u dan imsaħħaħ bix-xhieda saż-żmien Kostantinu u anke sal-Kruċjati. Ir-rabbini kienu jgħallmu ukoll li min iħalli mejjet matul il-lejl mingħajr ma jidfnu ikun qiegħed jiddiżonorah. Dak in-nhar kien jum it-Tħejjija u s-Sibt kien għoddu beda. In-nisa li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù marru għand Ġużeppi u raw il-qabar u kif kienu qiegħdu l-katavru; imbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra. Is-Sibt għaddewh fil-mistrieħ, skont il-preċett tal-Liġi." (Luqa 23:52-56).

Fil-fatt in-nisa mmexxija minn Marija ta' Magdala marru jagħmlu dan il-Ħadd filgħodu imma sabu l-qabar vojt għaliex Kristu kien qam mill-mewt. "Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa marru ħdejn il-qabar u ħadu magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew." (Luqa 24:1). Mela l-liżar ta' Turin huwa l-liżar nadif (kif insibu f'San Mattew) li fih tkeffen Ġesù minn Ġużeppi ta' Arimatija li kien raġel għani imma kien tajjeb u ġust (Luqa 23:50-51), dixxiplu moħbi ta' Kristu (ara Matt 27:57-60) u membru rispettabbli ħafna tal-Kunsill (ara Mark 15:43). Id-difna turi li hija waħda rjali għaliex hija ta' Kristu li huwa l-veru sultan fil-ġnien tal-qawmien (Gw 19:41), liema ġnien juri rebħa fuq il-ġnien tal-Eden (Gen 2:8-10) u l-ġnien tal-Ġetsemani (li tfisser 'magħsar taż-żejt') minn fejn bdiet it-triq tal-Passjoni (18:1). Diversi slaten ta' Ġuda fosthom David kienu fi ġnien (*kepos*, ara 2 Re 21:18-26 u Neh 3:16). Għalhekk mela l-liżar huwa dak 'tal-Golgotha'.

Tajjeb li nsemmu li San Irinew ta' Lyon fis-sena 180 A.D., Ippolitu ta' Ruma fis-sena 230 A.D., San Ġirolmu tkellmu dwar immaġni ta' Kristu, u Ċirillu ta' Ġerusalemm fis-sena 348 A.D. u li fis-sena 315 A.D. Kostanza oħt l-Imperatur Kostantinu kienet qegħda tfittxu. Il-vanġelu apokrifu tal-Ebrej u dak tat-Tnax-il appostlu jsemmu l-liżar tal-passjoni. Fis-sena 1204 matul ir-raba' kruċjata l-kavallier Franciz Robert de Clari jitkellem mill-preżenza ta' dan il-liżar fi knisja ġewwa Kostantinopli.

Fis-sena 1353 naraw li dan il-liżar ta' Kristu kien jinsab fil-knisja ta' Lirey qrib Troyes bħala rigal tal-Kavallier Geoffroy ta' Charney u l-mara tiegħu Giovanna ta' Vergy (pro-neputija ta' Othon de la Roche) u fl-1532 fil-kappella tas-saltna ta' Savoia, ġewwa Chambery fejn fil-lejl tat-3 u l-4 ta' Diċembru safa' xi danni ta' ħruq meta nħarqet il-kappella. Kien proprju fis-sena 1208 meta Pons de la Roche rregala l-liżar lill-Arċisqof ta' Besancon Amadeus de Tramely li kien bagħat ibnu Othon de la Roche minn Ateni matul











ir-raba' Kruċjata. Fl-1354 il-Papa Innocenz VI ikkonċeda l-indulġenzi għall-pellegrini ta' Lirey. Fl-1453 wara ħafna proċessi l-liżar għadda f'idejn Lwiġi ta' Savoia. L-ewwel ostensjoni uffiċċjali mill-Knisja jew espożizzjoni tal-liżar saret fl-14 ta' Settembru 1578 meta l-liżar ġie trasferit minn Chambery għal Turin fi żmien San Karlu Borromeo. Propjament saret ostensjoni pubblika fl-1357 ġewwa Franza **eżattament** 4 snin wara li l-kavaliier Franciz Goffredu ta' Charny u l-mara tiegħa Ġwanna ta' Vergy irregalawh lill-kanoniċi ta' Lirey. Huwa ġie espost f'diversi okkażżjonijiet oħra bħal fis-sena 1898 u fis-sena 1931 meta kien iżżewweġ Umbertu II ta' Savoia.

Fl-1933 kien ġie espost fid-Duomo ta' Turin fl-okkażżjoni tas-Sena Mqaddsa Straordinarja tal-Fidwa, l-1900 sena mill-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Meta miet Umbertu II ta' Savaio fl-1983, fuq xewqa tat-testment tiegħu,il-liżar ingħata lill-Papa fejn l-Arċidjoċesi ta' Turin għandha l-kustodja tiegħu. Fis-sena tal-Ġublew tas-sena elfejn kien ġie espost mit-12 ta' Awwissu sal-22 t'Ottubru fejn matul dawn it-72 jum kienu żaruh miljun persuna. L-aħħar waħda saret fl-2013. Fl-2015, fl-okkażżjoni tal-mitejn sena mit-twelid ta' San Ġwann Bosco ġewwa Turin, il-liżar ġie espost mid-19 ta' April sal-24 ta' Ġunju. Diversi pellegrini minn mad-dinja kollha fosthom minn Malta u Għawdex marru Turin għal din l-okkażżjoni specjali. Il-Papa Franġisku mar Turin biex hu ukoll jitlob quddiem dan il-liżar qaddis fil-21 ta' Ġunju. Il-liżar ġie ntitolat bħala 'relikwa' mill-Papa San Gwanni Pawlu II u bħala 'ikona' mill-Papa Benedittu XVI.

## Bibliografija


Antonacci, M., *Resurrection of the Shroud: New Scientific, Medical and Archaeological Evidence*, New York 2001.

Baima Bollone, P. et als., "La dimostrazione della presenza di tracce di sangue umano sulla Sindone", in *Sindon* 30 (1981).

Bevilacqua, M – D'Arienzo, M., "Medical

news from scientific analysis of the Turin Shroud", in *MATEC Web of Conferences* 36 (2015).

Brown, R., *The Death of the Messiah*, New York 1994.

Bottini, G.C., "Is 52:13-53:12. Nel racconto della Passione di Lc 22-23", in *LA* 47 (1997) 57-78.

Coppini, L. – Cavazzuti, F., *Le icone di Cristo e la Sindone; un modello per l'arte cristiana*, Cinisello Balsamo 2000.

Davis, T., The *passion of Christ from a medical point of view*, Carbondale 1997.

Fanti, G., "Can a corona discharge explain the body image of the Turin Shroud?", in *Journal of Imaging Science and Technology* 54 (2010) 1-10.

Girardello, R., "Sindone, 'Specchio' del Vangelo", in *RVS* 64 (2010) 337-349.

Leone, M., "Wrapping transcendence: The semiotics of reliquaries", in *Signs and Society* 2 (2014) 49-83.

Lucotte, G., "Exploration of the face of the Turin Shroud. Pollens studied by SEM Analysis", in *Archaeological Discovery* 3 (2015) 158-178.

Meynet, R., *Jésus Passe. Testament, Jugement, Exécution et Résurrection du Seigneur Jésus dans les évangiles synoptiques*, Rhétorique Biblique 3, Roma – Paris 1999.

Morini, E., - Manservigi, F., "The matter of the position of Jesus' burial cloths in a poetic text of the Orthodox liturgy and in iconography witnesses", in *SHS Web of Conferences* 15 (2015).

Ricci, G., *L'uomo della Sindone e'* Ġesù', Roma 1969.

Savio,P., *Ricerche storiche sulla Santa Sindone*, Torino 1957.

Segalla, G., *La Ricerca del* Ġesù*' storico*, Brescia 2010.

Shamir, O., "A burial textile from the first century CE in Jerusalem compared to Roman textiles in the land of Israel and Turin Shroud", in *SHS Web Conferences* 15 (2015).

Tite, M.S. et als., "Radiocarbon dating of the Shroud of Turin", in *Nature* 337 (1989) 611-615.

Tubiolo, J.A., "Enigma of the Shroud of Turin", in *Verbum* 8 (2011).

Tzaferis, V., "Crucifixion, the archaeological evidence", in *Biblical Archaeology Review* (1985) 44-53.

Wilson, I., *The shroud of Turin: The burial cloth of Jesus Christ?*, New York 1979.

Zaninotto, G., "Crocifisso dai Romani", in *Il Telo. Rivista di Sindonologia* 2, (maggio/agosto 2000) 8-13.

Zara, F. et als., "Study of the bloodstains in the Shroud of Turin: Chromatic analysis and possible interpretation", in *MATEC Web of Conferences* 36 (2015).



# IS-SEJĦA TA' ĠEREMIJA (4)

*Mons Lawrenz Sciberras*





Il-ktieb tal-profeta Ġeremija huwa mimli sinjali u simboli, li kollha kemm huma għandhom messaġġ qawwi xi iwasslu. Fost dawn hemm, għand il-ħanut tal-fuħħari (18,1-11), il-ġarra mkissra (19,1-15); il-ħżiem mherri (13,1-11), id-dlam u d-dawl (13, 15-17), u n-nuffara f'għalqa ħjar (11,5) u l-bqija. Din il-għana ta' simboli tgħin lill-qarrej biex jifhem aktar il-ktieb u l-messaġġ reliġjuż ta' dan il-profeta, bniedem li tant ġarrab tbatija, ċaħda, swat u eżilju!

## Il-persuna ta' Ġeremija

Imma fost dawn l-ikona l-aktar qawwija u xejn anqas straordinarja tal-misteru ta' Alla li deher fil-ħajja u l-persuna ta' Ġeremija, huwa l-profeta nnifsu, l-ħajja tiegħu bis-sabiħ u l-ikrah. Aktar ma wieħed ikun konfidenti mal-persuna dinamika ta' Ġeremija aktar jikkonkludi s-sewwa sħiħ u kollu dwaru.

Għalhekk hawn ta' min jistaqsi; imma min huwa verament dan il-bniedem li jitkelllem u jħabbar b'tant ħeġġa, entużjażmu u qawwa? Issa biex wasal sa hawn Ġeremija għadda minn ħafna u ħafna tbatija mhux biss morali imma anke fiżika. Iżda li kieku huwa stess kellu jwieġeb għal dan kollu, Ġeremija jasal biex jgħid li Alla nnifsu għarfu qabel ma ħareġ mill-ġuf ta' ommu (Ġer 1,5). Il-vokazzjoni tiegħu hekk bikrija hija dik il-qawwa kostanti li żammitu u għenitu fil-provi kollha li għadda minnhom. Dan kollu qiegħed f'Ġeremija 1,1.

Forsi dak li jolqtok ħafna f'dan l-ewwel kapitlu ta' Ġeremija huwa l-fatt tas-simboli li jerġgħu joħorġu għad-dawl bil-qawwa kollha. U dan juri kemm l-aġġografu jaħfen għana kbira fil-letteratura kontemporanja tiegħu. Ifisser ukoll li l-profeta kien iħossu tassew komdu jqabbeż dawn is-simboli dejjem biex iwassal il-messaġġ sħiħ tiegħu. U hekk naturalment in-nies jifhmu aħjar.

L-erba' simboli f'dan l-ewwel kapitlu huma dawn: (1) "il-fergħa ta' lewża"(1,11), u li dan ifisser li l-kelma ta' Alla ser isseħħ tassew: (2) "il-borma tagħli" (1,13), u li dan ifisser li l-għawġ li jħalli warajh b'xorti ħażina ġej mit-tramuntana: (3) It-tielet simbolu huwa li Ġeremija jħażżem ġenbejh u joqgħod bil-wieqfa

(1,17), u li fl-istess waqt jgħidilhom lin-nies u ma jibżax minnhom. Ir-raba' (4) simbolu huwa dak ta' fortizza u kolonna tal-ħadid u ħajt tal-bronż (1,18). Dan ifisser li Ġeremija qatt mhu se jiġi mirbuħ għax Alla miegħu!

F'dan l-ewwel kapitlu, minbarra n-numru ta' simboli hemm lista ta' elementi li joħolqu l-idea ta' stat mimli konsegwenzi għall ħajja tal-profeta, kif ukoll għal effetti li għandu fuq il-ħajja soċjali u politika. Hawn imsemmija direttament is-slaten ta' Ġuda, l-prinċpijiet, il-qassisin flimkien mal-poplu tal-pajjiż. Hawn jingħata ħjiel ukoll għat-tbatija li kellu jgħaddi minnha Ġeremija, imma dan kellu garanzija li l-għajnuna ta' Alla ma tonsqsux biex jieqaf u jeħodha kontra dawk li jfixkluh: "U int ħażżem ġenbejk, qum u għidihom kull ma nordnalek. La tibzax minnhom, għax inkella nbeżżgħek jien quddiemhom." (1,17)

## Iż-żmien meta nkiteb

Dan l-ewwel kapitlu ta' Ġeremija huwa mimli tagħrif personali flimkien ma' simboliżmi oħra li jagħmluh dejjem aktar għani. Fost dawn id-dettalji hemm ukoll meta u taħt min seħħ dan kollu: "Il-kelma tal-Mulej ġietu fi żmien Ġosija bin Amon, sultan ta' Ġuda, fis-sena tlettax tas-saltna tiegħu" (Ġer 1,2).

Ma nafux sew kemm kellu żmien il-profeta Ġeremija, imma meta huwa stess jafferma li kien għadu żgħir" ( Ġer 1,7), wieħed jista' jasal biex jikkonkludi li dan kellu bejn it-tmintax u l-għoxrin sena. Mela dan kien għadu mhux raġel mimli b'dik l-istamina li jitkellem b'ċerta awtorità u kuraġġ. Il-quddiem Ġeremija iva għadda minn dan kollu!

Issa jekk wieħed jasal biex jiffissa d-data tat-twelid ta' Ġeremija fis-sena 645, dan ifisser li l-esperjenza tas-sejħa li għadda minnha u





li bidlitu waħda sew, saret qrib ħafna tas-sena 627. Qabel is-snin ta' din is-sejħa ma nafu xejn, dlam.

Ġeremija ġej minn familja tal-qassisin iżda aktarx li kienet spiċċat l-eredità tagħha. Dan ġara għaliex kemm il-profeta kif ukoll missirijietu waqfu ħafna u kienu kontra s-slaten ta' Ġerusalemm dejjem minħabba l-abbużi li kienu qegħdin jiġru quddiemhom. Riżultat il-familjari ta' Ġeremija ġew eżiljati. Kienu jgħixu f'Għanatot (Ġer 1,1;11;23; 29,27) imkien barra l-belt iva imma qrib ta' Ġerusalemm. Nistgħu ngħidu li Ġeremija twieled u kiber ġo familja ortodossa, iżda ma nafu xejn aktar dwar it-tfulija u l-adoloxxenza tiegħu. Mela wieħed jista' iżomm li s-sejħa saret lil Ġeremija meta dan kellu madwar it-tmintax-il sena, fis-sena 627.

Issa fil-kapitlu 25, fejn hawn Ġeremija jfakkar fil-leħen li sama' u jgħid lill-poplu ta' Ġerusalemm "mis-sena tlettax ta' Ġosija bin Ammon, sultan ta' Ġuda, sa dan il-jum għaddew issa tlieta u għoxrin sena minn meta ġietni l-kelma tal-Mulej, u Jien kellimtkom bla heda u intom ma smajtux" (Ġer 25,3). U fil-kapitlu 36,2 hemm miktub: "Ħu romblu tal-kitba u ikteb fuqu l-kliem kollu li jiena għedtlek dwar Israel, u dwar Ġuda u dwar il-ġnus kollha minn mindu kellimtek fi żmien Ġosija sa dan il-jum" Mela ż-żmien ta' din il-kitba huwa s-sena 604.

F'dan il-perijodu, Ġeremija kien qed jgħix waqtiet ta' tbatija l-aktar kbar, u li matulhom huwa intebaħ bil-falliment sħiħ u totali tas-sejħa tiegħu. Tant ħassu mitluf u qalbu maqtugħa li Ġeremija kellu jerġa' isejjaħ mill-ġdid it-tifkira tal-grazzja tal-bidu, u dan biex jimtela bil-qawwa u hekk ikompli fil-missjoni diffiċli tiegħu. Huwa kapitlu fejn minkejja kollox, huwa



Alla stess li sejjaħlu; għalhekk il-profeta kien wasal fi stat li ma jista' jagħmel xejn għajr li jagħti widen għas-sejħa.

## Waqtiet ta' deċiżjoni

L-ewwel kapitlu ta' Ġeremija huwa qawwi ċar u determinanti ħafna. Kapitlu li jiftaħ bil-qawwa kollha u jirreferi għas-sejħa li għamillu direttament Alla. Il-messaġġ fondamentali jibda hekk: "U ġietni l-kelma tal-Mulej" (Ġer 1,4). Hawn ta' min jinnota sew il-fatt ta' "il-kelma". Is-sejħa ta' Isaija kienet f'dehra ta' maestà. Huwa ra lil-Mulej bilqiegħda fuq tron fit-tempju u s-serafini jistqarru: "Qaddis, qaddis, qaddis il-Mulej ta' l-eżerċti" (Is 66,1). Din kienet tassew dehra ta' sebħ u glorja.

Ukoll il-profeta Eżekjel: Il-pedament tal-vokazzjoni sħiħa tiegħu huwa dak il-karru mimli sebħ tal-Mulej li deher qed jitlaq lil Ġerusalemm! (Eżek 1,1s).

Ġeremija waslitlu l-Kelma, illi din tat u mmarkat fil-profeta sitwazzjoni interjuri qawwija ħafna fih. Ma kien hemm xejn tal-għaġeb. Minn barra, ebda dehra ta' dawl daqs kemm il-ħoss sieket ta' Kelma fil-ġewwieni



tiegħu tant li huwa ma setax jirreżistiha! Hawn jidher paralelliżmu mal-profeta Elija meta dan daq l-esperjenza taʼ Alla fuq il-Ħoreb. Ma kienx fir-riħ qawwi li jfarrak il-blat (1 Slat 19,11) anqas fin-nar ma kien il-Mulej, imma fiż-żiffa ħelwa"(1 Slat 19,12). Hekk kellem u għadu jkellem il-Mulej lill-bniedem.

U sabiex is-sejħa taʼ Alla lil Ġeremija tkun tassew żgura u taʼ min joqgħod fuqha, niltaqgħu maʼ inizjattiva oħra qawwija dejjem ġejja min-naħa taʼ Alla. Din hija Alla nnifsu jmiss fomm il-profeta u jifrex idejh fuqu (Ġer 1,9). Hawn taʼ min jinnota l-mess taʼ fomm Ġeremija. "Ara, qegħedtlek kliemi fuq fommok" (1,9).

Mela lil Ġeremija ma ġietx mogħtija lilu s-setgħa taʼ mexxej taʼ poplu, ma kellu jippresiedi ebda laqgħa; ma kienx qassis, minkejja li kien ġej mill-familja taʼ qassisin, imma kellu jkun profeta. Imma r-rigal li ġie mogħti lilu huwa dak tal-Kelma.

Għaliex il-profeti għallmu lin-nies taʼ żmienhom bil-passat, bil-preżent u bil-futur. U kien preċiżament waqt it-twettiq taʼ din il-missjoni li Ġeremija għaraf kemm kien bniedem tassew fraġli u mimli djufija, imma fl-istess waqt kien ukoll konxju li Alla taʼ misirijietu kien miegħu.



# KATEKEŻI SAN ĠWANN BATTISTA – 2 BAQA' JGĦIX FID-DEŻERT SA DAKINHAR LI ĦAREĠ QUDDIEM ISRAEL

*Marcello Ghirlando*

Hekk jikteb San Luqa (1:67-80) meta jistqarr li Żakkarija nfetaħlu fommu:

"U Żakkarija, missieru, imtela bl-Ispirtu s-Santu u beda jħabbar u jgħid: 'Imbierek il-Mulej, Alla ta' Israel, għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu, u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni, f'dar David qaddej tiegħu, bħalma wiegħed fl-imgħoddi b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu, biex isalvana mill-għedewwa tagħna, u minn idejn dawk kollha li jobogħduna. B'hekk juri ħniena ma' missirijietna u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu, fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna: li jagħtina l-grazzja li, wara li jeħlisna minn idejn l-għedewwa tagħna, naqduh bla biża', bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu ħajjitna kollha. U int, tfajjel, tissejjaħ profeta tal-aktar Għoli, għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu u tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni permezz tal-maħfra ta' dnubiethom, mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa; u jdawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.' It-tifel kiber u ssaħħaħ f'ruħu, u baqa' jgħix fid-deżert sa dakinhar li ħareġ quddiem Israel."

Fl-ewwel katekeżi kkonċentrajna ftit fuq dik il-kelma sabiħa li l-Arkanġlu Gabriel kien qal lil Żakkarija fit-tempju, meta ħabbar it-twelid tal-Battista meta qal: "Ikun mimli bl-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu" u, fil-fatt fir-riflessjoni tagħna ġibna quddiem għajnejna li dan Ġwanni għadu fil-ġuf t'ommu Eliżabetta diġa` qed jagħmilha ta' profeta meta bil-qbiż bil-ferħ fil-ġuf t'ommu jgħaddilha dik il-kelma sabiħa: "U minn fejn ġieni dan li Omm il-Mulej tiġi għandi?!" U meta ppruvajna nagħsru xi ftit dak illi qsamna flimkien, għidna kemm Ġwanni, profeta f'ġuf ommu fakkarna fl-importanza tal-ħajja b'mod partikulari tal-ħajja li għadha fil-ġuf.

Illum, fir-riflessjoni nixtieq naqsam magħkom xi ftit ħsibijiet, mhux tant fuq il-'*Benedictus*', illi ikkwotajna mill-Vanġelu, imma fuq l-aħħar kelma li smajna fis-silta ta' llum, meta San Luqa jgħid: "It-tifel kiber u ssaħħaħ f'ruħu, **baqa' jgħix**



**fid-deżert sa dakinhar li ħareġ quddiem Israel.**" Kelma qawwija illi tfakkarna li Ġwanni, prattikament għex il-ħajja kollha tiegħu fl-ambjent tad-deżert. Meta l-istudjużi ppruvaw jikkalkulaw kemm dam il-ministeru pubbliku ta' Ġwanni l-Battista, ħafna jgħidu li ma damx wisq, forsi sitt xhur u aħna nafu li dawk is-sitt xhur għaddihom f'xatt ix-Xmara Ġordan fil-kuntest tad-deżert ta' Ġuda. Imma San Luqa jfakkarna illi bħala profeta, Ġwanni ġie msejjaħ biex mhux biss dawk is-sitt xhur jaħdem u jħejji t-triq għall-Mulej fil-ministeru pubbliku tiegħu, jgħix fid-deżert, imma ħajtu kollha prattikament għaddiha fid-deżert. Ovvjament, nimmaġinaw xi deżert tas-Sahara bħalma spiss nimmaġinaw aħna. Bil-kelma '**deżert**', San Luqa jfakkarna li Ġwanni l-Battista għex f'post solitarju, f'post fejn prattikament fil-parti l-kbira kien waħdu. Jien ma nafx jekk tafux, uħud minnkom marru l-Art Imqaddsa, jien ma nafx jekk żortuhx il-post imsejjaħ 'San Ġwann fid-Deżert'. Aħna ġeneralment mmorru Għajn Karem, fiż-żewġ santwarji sbieħ, wieħed li jfakkar it-twelid tal-Battista. Min mar jaf u kellu l-grazzja jinżel dawk it-turġien tal-għar li kien jagħmel parti mid-dar ta' Żakkarija fejn skont it-Tradizzjoni Nisranija tal-Palestina, huwa l-post fejn



twieled il-Battista. Imbagħad ġeneralment nitilgħu dik it-telgħa biex inżuru dak is-santwarju suġġettiv sabiħ immens ċkejken, illi jfakkarna fil-*Magnificat*, ifakkarna fil-Viżitazzjoni, fiż-żjara li Marija għamlet lill-qariba tagħha Eliżabetta.

Xi tliet kilometri bogħod minn Għajn Karem, hemm santwarju ieħor ċkejken , ġo wied sabiħ, wied mimli siġar u ħdura u anke ilma ġieri fih. Post solitarju, deżert... imma mhux deżert mingħajr siġar, mingħajr ħxejjex... anzi kif għidtilkom, post sabiħ immens ġo wied mimli siġar, mimli ħdura u b'abbundanza anke ta' ilma frisk u ġieri. Dan is-santwarju ċkejken, bit-Taljan isejħulu San Giovanni al Deserto, bl-Għarbi jsejħulu Għajn al Ħabis, illi jfisser l-Għajn tal-Eremita, dejjem b'riferiment għal Ġwanni l-Battista. U t-Tradizzjoni Nisranija tal-Palestina tgħidilna li wisq probabbli, dak kien il-post fejn Ġwanni l-Battista għadda ħafna snin minn ħajtu. Ovvjament, il-Vanġelu jgħid ftit, imma jekk intom (fl-Art Imqaddsa) tinzertaw, ħa ngħid xi ħaġa oħra, gwida Lhudija, li tispjegalkom il-fdalijiet ta' Qumran, fejn instabu d-Dead Sea skrolls ma' ġenb il-Baħar il-Mejjet, ġeneralment il-gwidi Lhud jgħidu li jista' jkun li Ġwanni l-Battista kien wieħed mill-membri tas-Setta tal-Esseni ta' Qumran. Imma din hija biss



ipotesi. Jien aktar inżomm dak li tgħid it-Tradizzjoni tal-Palestina antikissma, ta' dan is-santwarju, li Ġwanni għex waħdu maqtugħ mid-dinja, kieku aħna ngħidu bil-Malti: "Iħejji ruħu għal dak il-mument illi Alla kellu jsejjaħlu, jew l-Ispirtu kellu jmexxih biex jibda l-missjoni, biex iħejji t-Triq tal-Mulej." Dan is-santwarju mhux bogħod minn Għajn Karem, huwa suġġestiv ħafna, sabiħ immens, fih żewġ għerien antikissmi; tinsewx li s-santwarju ta' llum mibni fuq fdalijiet ta' żewġ santwarji li nbnew qabel, l-ewwel wieħed fi Żmien il-Kruċjati, fis-seklu 11 u wieħed li jmur lura għas-seklu 4. Jiġifieri t-Tradizzjoni hija antikissma u nteressanti. Fis-santwarju tal-lum tinżel sa żewġ għerien: wieħed li jintuża għall-magħmudijiet għax hemm l-ilma ġieri u l-ieħor illi jfakkar ġrajja apokrifa li nsibuha fil-Vanġeli Apokrifi li jgħidu illi Eliżabetta u Żakkarija u ċ-ċkejken Ġwanni l-Battista sabu rifuġju f'dan il-post waqt li Erodi kien qed joqtol it-trabi minn sentejn 'l isfel ta' madwar Betlehem fil-Lhudija. Aħna nafu mill-Vanġelu skont San Mattew, illi Erodi, b'għira kbira għal dan is-Sultan tal-Lhud illi twieled, bl-informazzjoni li kien ġabar mis-Slaten Maġi, kien 'tilifha' u qatel lit-trabi nnoċenti u l-Vanġelu Apokrifu jgħidilna illi propju f'dan il-post – San Giovanni al Deserto - , Eliżabetta, Żakkarija u Ġwanni l-Battista stkennew mill-qilla qerrieda tas-sultan Erodi.

## Ġwanni għex fid-deżert

Imma niġi ftit għal dak li huwa s-suġġett: Ġwanni għex fid-deżert u San Luqa jgħid: "Issaħħaħ f'ruħu." Issa, San Luqa l-ewwel jagħtina verità storika, fis-sens illi, probabbilment informazzjoni li għaddithielu l-Madonna illi kienet qariba ta' Ġwanni l-Battista, setgħet tgħaddi l-informazzjoni li Ġwanni fil-verità kien għadda snin twal fid-deżert. Imma San Luqa imbagħad jixtieq ifakkarna, meta juża' l-kelma 'deżert' x'seta' għamel Ġwanni l-Battista bħala tħejjija għall-missjoni tiegħu. Ovvjament il-kelma 'deżert' tfakkarna fl-esperjenza tad-deżert tal-Poplu Magħżul. Jekk taqraw il-Ktieb tal-Eżodu, il-Ktieb tal-Levitiku, il-Ktieb tan-Numri, il-



Ktieb tad-Dewterenomju, kollha direttament jew indirettament jiktbu l-esperjenza twila illi l-Poplu l-Magħżul kien għamel fid-deżert wara l-ħruġ tiegħu mill-Eġittu. Fil-fatt, matul is-sekli, il-kelma 'deżert', il-kunċett tad-deżert , post solitarju, kien iqajjem ħafna memorji fil-moħħ tal-Poplu l-Magħżul. Liema kienu dawn il-memorji? Erbgħin sena fid-deżert kienu erbgħin sena biex il-Poplu jitgħallem ikun il-Poplu l-Magħżul. Jien ma nafx jekk tafux, imm spiss fil-Bibbja jintuża n-numru erbgħin: 40 sena fid-deżert il-Poplu Magħżul; Elija l-Profeta li jimxi għal 40 jum sakemm jasal fil-muntanja l-qaddisa, Ħoreb; Ġesù – li jgħaddi 40 ġurnata fid-deżert qabel il-missjoni tiegħu u 40 jum sakemm tela' s-sema.



**Huwa n-numru li jfakkar żmien: ta' preparazzjoni, ta' tħejjija.**

Allura nistgħu ngħidu illi jekk id-deżert, l-40 sena fid-deżert tal-Poplu l-Magħżul kien żmien ta' tħejjija biex il-poplu jsir il-Poplu t'Alla permezz tal-Patt, illi f'dawk l-40 sena, Alla għamel permezz ta' Mosè fuq il-muntanja Sinaj, daqshekk ieħor meta San Luqa jgħidilna li Ġwanni kien jgħix fid-deżert, irid ifakkarna illi kien żmien twil ta' tħejjija, żmien twil ta' tħejjija, ħa nirrepeti għat-tieni darba, dak li jgħid San Luqa, biex Ġwanni jissaħħaħ f'ruħu. Kif il-Poplu l-Magħżul tgħallem jitlob fid-deżert, kif il-Poplu l-Magħżul tgħallem jaqdi 'l Alla fit-Tinda tal-Laqgħa permezz ta' talb u permezz ta' sagrifiċċju, kif il-Poplu l-Magħżul tgħallem il-Kmandamenti u l-Preċetti tal-Patt fid-deżert, daqshekk ieħor aħna nistgħu nimmaġinaw, mingħajr ma nġebbduha żżejjed, nistgħu nimmaġinaw li fil-verità, is-snin twal li Ġwanni l-Battista għadda f'solitudni , fis-skiet tad-deżert tiegħu u li milli jidher kien deżert sabiħ, Ġwanni kiber u fforma ruħu fid-dawl tat-talb. Imma Ġwanni żgur ifforma ruħu fis-skiet u fis-solitudni tad-deżert permezz tas-smigħ tal-Kelma Qaddisa t'Alla. Araw xi ġmiel! U forsi għalhekk li San Luqa, nerġa' ngħid, jinsisti li Ġwanni għex fid-deżert u ssaħħaħ f'ruħu .

Id-deżert għall-Poplu Lhudi kien ifakkarhom anke f'mumenti iebsa, Eżodu 22:14, kemm-il darba ġarrbu lil Alla fid-deżert, kemm-il darba ħaduha kontra Alla fid-deżert. Dan mhux qed ngħidu biex nissoponi li Ġwanni ħadha kontra Alla fid-deżert. Imma jien ngħid li f'dawk is-snin twal,




Ġwanni li kien bniedem bħalna, żgur li kellu kif ngħidu bl-Ingliż: l-*ups and downs* tiegħu fil-fidi tiegħu u dan inżommu jien, il-għaliex fl-aħħar ta' ħajtu Ġwanni għadda mill-mument tat-tiġrib, għad nitkellmu fuqu, meta fl-esperjenza qarsa tal-ħabs, qisu bħal donnu kważi ddubita li Ġesù kien il-Messija: "Int huwa dak li għandu jiġi jew nistennew lil ħaddieħor?" Tiftakru kien bagħat lid-dixxipli tiegħu għand Ġesù? Jekk inħares lura minn dak il-mument għas-snin twal li Ġwanni għadda fid-deżert, jien ngħid li Ġwanni wkoll ma kellux ħobżu maħbuż, kif ngħidu bil-Malti, imma jista' jkun, jiġifieri Ġwanni ukoll għex bħala bniedem fis-solitudni tad-deżert, iva ssaħħah f'ruħu, imma jien nimmaġina wkoll li kellu anke l-mumenti iebsa tiegħu, il-mumenti tat-tiġrib tiegħu li kellu wkoll Kristu fl-erbgħin jum li ħejja ruħu għall-ministeru pubbliku tiegħu. Nistgħu nissoponu li Ġwanni ma kellux il-mumenti tat-tiġrib tiegħu, il-mumenti tad-dubji tiegħu? Ċert li anke jekk il-Vanġelu ta' San Luqa jew l-ebda Vanġelu ma jgħid xejn fuq dan, ċert li esperjenza tad-deżert kemm dik pożittiva u forsi anke negattiva, iffurmawh u ħejjewh għall-missjoni tiegħu, tant li San Luqa kif ngħidu darb' oħra, meta jibda jispjega l-bidu tal-ministeru ta' Ġwanni l-Battista, jgħid




kelma qawwija ħafna: "Il-Kelma tal-Mulej niżlet fuq Ġwanni bin Żakkarija," jiġifieri s-snin twal li għex fis-solitudni, anke jekk forsi kienu jinkludu l-mumenti ibsin, jidher ċert li dawk il-mumenti saħħewh, ħejjewh, tant illi l-Kelma t'Alla setgħet tistrieħ fil-qalb tiegħu, anzi jekk nużaw il-Kelma tal-Profeta Ġeremija: "Il-Kelma t'Alla setgħet issir nar iħeġġeġ ġo fih," illi anke kieku ma riedx, ħareġ b'qawwa biex iħejji t-Triq tal-Mulej bil-Kelma u anke bl-eżempju tiegħu.

Meta l-Poplu t-Alla matul iż-żmien kien infidil lejn il-Patt, il-profeti kollha anke jsejħulu biex jerġa' jmur lura fid-'deżert'. Forsi eżempju klassiku huwa dak li nsibu fil-Ktieb tal-Profeta Hosea illi mmaġina 'l Alla bħala l-għarus t' Israel, għarusa fidila, mara li ttradiet lil Alla u, il-Profeta Hosea biex iwassal dik il-Kelma ta' konverżjoni lil Israel infidila jgħidilha: "Neħodha fid-deżert, lil qalbha nkellem, u hi terġa' tgħanni l-fedeltà bħalma kienet tgħannili f'żgħożiti." Immaġinaw lil Ġwanni l-Battista illi mhux f'sens ta' konverżjoni, imma f'sens illi fis-solitudni kiber fl-Ispirtu, nimmaġinawh illi kiber fl-imħabba tiegħu lejn Alla illi kien għażlu bħala Profeta tiegħu, issaħħar bil-qawwa ta' talbu u tal-Kelma t'Alla fir-rabta tiegħu ta' mħabba ma' dak li mbagħad kellu jibgħat il-qawwa tal-Kelma tiegħu fih biex jagħmlu Profeta li jħejji t-Triq tal-Mulej. Mhux ta' b'xejn allura, nistgħu nifhmu aħjar, għaliex San Luqa jinsisti illi Ġwanni għex fid-deżert u ssaħħaħ f'ruħu sa ma wasal dak il-mument imbagħad li joħroġ b'mod pubbliku u jsejjaħ lill-Poplu biex iħejji lil qalbu għall-wasla tal-Messija Ġesu'.

## X'nitgħallmu minn dan kollu?

L-ewwelnett anke jekk il-Profeti (u Ġwanni kien Profeta) kellhom għażla Divina, Alla għażilhom għall-missjoni, xorta waħda kellhom jagħmlu l-parti tagħhom. Jekk Alla sejjaħ lil Mosè, jekk Alla sejjaħ lill-Profeti l-Kbar tal-Antik Testment: Ġeremija, Isaija, Eżekjel u l-Profeti kollha illi jissemmew fl-Iskrittura Mqaddsa, huwa veru li huma kellhom il-mument speċjali tas-sejħa partikulari biex ikunu fomm għall-Mulej Alla. Imma dan ma jfissirx, nerġa' nuża l-istess espressjoni, li kellhom ħobżhom maħbuż! Kellhom jirrikorru fl-għarfien t'Alla, kellhom jagħmlu l-parti tagħhom biex jesperjenzaw dak Alla li f'Ismu kellhom jitkellmu. Kemm-il darba r-rakkonti tal-ħajjiet tal-profeti jfakkruna f'dan, ovvjament jiġi f'moħħi l-Kbir Profeta Elija, li kellu jiġi biex iħejji t-triq tal-Mulej. Elija kellu l-mumenti *forte* tiegħu, qawwija... imma kellu wkoll il-mumenti tad-dubju, il-mumenti fejn xtaq illi jmut: "Ħudni ma' missirijietna", jgħidlu lil Alla. Anke Elija jħoss il-bżonn illi jerġa' jintasab fil-preżenza t'Alla. Ġibu f'moħħkom, per eżempju l-erbgħin jum sa ma jasal fuq il-Ħoreb biex imbagħad dik iż-żiffa

ħelwa, mhux fit-terremot, mhux fin-nar, imma f'dik iż-żiffa ħelwa , jerġa' jagħmel l-esperjenza t'Alla, li tinjettalu l-qawwa biex ikompli l-missjoni tiegħu sal-aħħar. Għax qed ngħidu dan? Jiġifieri l-profeti anke jekk kellhom sejħa, kellhom jagħmlu l-parti tagħhom. Kellhom ikunu nies miftuħa għall-Kelma t'Alla, nies li kellhom jixxenqu għall-esperjenza tal-preżenza t'Alla f'ħajjithom.

Ġwanni l-Battista kien mimli bl-Ispirtu s-Santu sa minn ġuf ommu, imħabbar mill-Arkanġlu Gabriel għall-missjoni li jkun il-Prekursur tal-Mulej, kantat minn Żakkarija fil-Benedictus u li bdejna l-qari tal-Vanġelu bih, imma xorta waħda kellu jagħmel il-parti tiegħu. U dawk is-snin twal fid-deżert, fil-fatt kellu l-parti li bħal donnu jagħmel bħalna l-bnedmin kollha, kellu jikber, kellu jissaħħaħ f'ruħu biex ikun imħejji u mħejji tassew għall-missjoni kbira illi Alla kien fdalu.

Allura Ġwanni jgħallimna li aħna ma nistgħux noqogħdu *ċiċċi beqqi*. Il-Mulej għamilna nsara bil-qawwa tal-Magħmudija, imma aħna nafu li s-sagramenti tal-bidu: tal-Magħmudija, s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof, ukoll minnkom is-sagrament taż-Żwieġ, uħud minna s-sagrament tal-Ordni Sagri, huma mumenti straodinarji fil-ħajja tagħna, mumenti fejn Alla jġegħelna nesperjenzaw b'imħabba tremenda li għandu għalina. Imma dak mhux biżżejjed... bħala bnedmin irridu nilqgħu d-don u nagħmlu l-parti tagħna. Jekk Ġwanni l-Battista, profeta kbir, l-ikbar li twieled fost in-nisa, meta Ġesù jagħmel dak il-ġudizzju tant sabiħ fuq il-Battista, 'l-ikbar li twieled fost ulied in-nisa', jekk Ġwanni kellu bżonn jitlob fid-deżert, jisma' l-Kelma fid-deżert, jiggosta l-imħabba t'Alla fid-deżert, kif jista' jkun li aħna fil-ħajja nisranija tagħna ma nibqgħux nitgħallmu, na nibqgħux nitolbu, ma nibqgħux qalbna miftuħa għall-Kelma t'Alla? Jekk Ġwanni li kien profeta kellu bżonn jixxettel u jikber fis-sejħa tiegħu, kemm aktar aħna li rċevejna d-don kbir tal-fidi u vokazzjoni partikulari li fiha u biha ngħixu l-ħajja nisranija tagħna hu meħtieġ li nikbru!!

It-tieni ħaġa li forsi nitgħallmu, hija n-neċessità tad-deżert, (issa aħna mhux sa mmorru ngħixu f'xi wied, għax kulħadd għandu s-sejħa tiegħu), imma kulħadd għandu l-ħtieġa, kull nisrani jkollu l-grazzja, jkollu l-grazzja kbira, jekk jifhem il-ħtieġa, illi minn żmien għal żmien trid tieqaf, trid tiskot, trid tipprova tisma' l-leħen tal-Mulej, trid terġa' tgħix anke jekk ikunu mumenti qosra, l-Ispirtu u l-ispiritwalità tad-'deżert'. Li nieqfu nitolbu, nisktu, nisimgħu l-Kelma t'Alla... dan ukoll huwa 'deżert', hija



grazzja kbira , anzi jien ngħid mhux biss grazzja imma neċessità.

Darba mort f'dan is-Santwarju li semmejtilkom – San Giovanni al Deserto, mort waħdi, u kien hemm patri jieħu ħsiebu. Kien hemm skiet tal-ġenn u niftakar, issa ilu snin kbar, imma għadni niggosta dak il-mument tas-skiet: tisma' l-ilma għaddej, l-għasafar ipespsu... il-bqija skiet perfett! U f'qalbi għidt: "Xi grazzja għandu u xi grazzja jista' jkollu fil-futur ta' ħajtu l-bniedem li minn żmien għal żmien jieqaf!" U aħna nafu kemm din il-ħaġa hi neċessarja għax illum ibbumbardjati erbgħa u għoxrin siegħa fuq erbgħa u għoxrin siegħa, mhux hekk? Għax aħna meta nippruvaw nisktu, anke meta nippruvaw nagħmlu l-mowbajl *silent* fil-but (u jibda jivvibra!!) nitilfu l-konċentrazzjoni bħal ma jiġri lili qed ngħid. Xi grazzja kieku bħal Ġwanni mhux ngħixu fid-deżert... dik mhix vokazzjoni tagħna, imma kieku bħal Battista nfittxu dawk il-mumenti fejn fis-skiet nippruvaw ikollna l-kuraġġ għax mhux faċli, niġu wiċċ imb wiċċ magħna nfusna u, niġu wiċċ imb wiċċ ma' Alla li jħobbna! Jiena ngħid li l-esperjenza ċkejkna tad-deżert, tas-skiet, bħalma għamlet lil Ġwanni, tagħmel lilna: issaħħaħna f'ruħna.

Hekk nagħlaq din ix-xewqa kbira, din it-talba mill-fond ta' qalbi għalina lkoll li nħobbu lil Ġwanni l-Battista:

Mulej, agħtina l-grazzja li bħal Ġwanni nifhmu l-ġmiel tas-skiet u tad-'deżert'. Agħmel li bħal Ġwanni nifhmu l-ġmiel li s-skiet tagħna jkun imżejjen bit-talb u bis-smigħ tal-Kelma li bħal Ġwanni, l-esperjenza ċkejkna li forsi jkollna nagħmlu tas-skiet, tas-solitudni tad-'deżert', ikunu mhux mumenti tal-biża' imma mumenti fejn induqu ftit aktar kemm tħobbna. Ġwanni l-Battista hekk għex u j'Alla ngħixuh hekk aħna wkoll ħalli d-deżert ikun tħejjija kontinwa għal dak li titlobna int Mulej fil-ħajja tagħna ta' kuljum.



# L-ASPETT TAT-TFITTXIJA FIS-SEJĦA TAL-EWWEL DIXXIPLI FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Il-verb "tfittex" (bil-Grieg: *zeteo*) jissemma daqs erbgħa u tletin darba fl-Evanġelju skont San Ġwann. Meta nqisu kif ir-Raba' Evanġelista jagħmel użu mill-vokabularju tiegħu, iġegħelna nżommu għajnejna miftuħin għall-użu ta' dan il-verb li għalkemm jintuża fuq livell "materjali," ħafna drabi l-Evanġelista jidher li jridna nifhmuh fuq livell differenti. Is-suġġetti ta' dan il-verb huwa "il-Missier" li jfittex "nies bħal dawn li jadurawh (fl-ispirtu u l-verita)";[1] "Ġesù" li ma fittixx ir-rieda tiegħu imma dik tal-Missier li bagħtu;[2] "id-dixxipli" li jfittxu lil Ġesù;[3] "il-folla" li tfittex lil Ġesù f'ċirkustanzi differenti;[4] "il-Lhud" li jfittxu lil Ġesù biex joqtluh,[5] għalkemm ħafna drabi ma jirnexxilhomx isibuh.[6] L-oġġett tat-tfittxija qatt mhuwa l-persuna ta' Alla b'mod dirett, imma pjuttost ir-rieda tiegħu jew il-glorja tiegħu. Fl-użu tal-verb "tfittex" iżda is-suġġett ħafna drabi huwa Ġesù. Il-personaġġi kollha ewlenin madwar Ġesù huma involuti f'din it-tema tat-tfittxija hekk kif il-verb *zeteo* jesprimi reazzjonijiet differenti: altru t-tfittxija tal-folla, altru dik tal-"Lhud," u altru dik tad-dixxipli. Tista' tfittex lil Ġesù biex tibqa' miegħu u tista' tfittex lil Ġesù biex toqtlu. Hemm tfittxija li twassal għas-sejba u hemm tfittxija li ma twassalx għal dan.



F'dan l-artiklu ħa naraw l-użu ta' dan il-verb fl-episodju tas-sejħa tal-ewwel dixxipli kif jirrakkuntah l-Evanġelista San Ġwann. Se naraw kif permezz ta' dan ir-rakkont ir-Raba' Evanġelista jistieden lil kull qarrej biex ifittex lil Ġesù, isibu u jibqa' miegħu filwaqt li jimxi warajh.

## Rakkont "sempliċi"

Ir-rakkont tas-sejħa tal-ewwel dixxipli f'dan l-Evanġelju[7] jidher li hu wieħed sempliċi, imma meta nqisu l-użu tal-kliem użat f'din il-ġrajja nibdew nindunaw li l-Evanġelista

kien qed igħidilna ħafna aktar minn dak li hemm miktub.[8] L-episodju jagħmel parti minn serje ta' jiem: kull jum huwa mmarkat bil-kelma "l-għada."[9] Il-jum li fih insibu s-sejħa tal-ewwel tliet dixxipli jiġi fi tmiemu bl-istqarrija tal-fidi ta' Indri: "Sibna l-Messija."[10] Fil-jum ta' wara naqraw is-sejħa ta' żewġ dixxipli oħra u l-istqarrija ta' fidi ta' Natanjel: "Inti l-Iben ta' Alla, inti s-sultan ta' Israel."[11] Dawn it-titli mogħtija lil Ġesù fil-bidu nett tal-Evanġelju jibqgħu miftuħin għar-rivelazzjoni futura li tiġi żvelata fl-episodji li jsegwu. Tant hu hekk, illi dawn iż-żewġ episodji jispiċċaw bil-wegħda futura ta' Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ, u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem."[12] Mhux biss, dawn ir-rakkonti huma wkoll il-bidu tal-mixja tad-dixxipulat li tiżviluppa matul in-narrattiva tal-Evanġelju.

## Minn dixxipli ta' Ġwanni għal dixxipli ta' Ġesù

Ir-rakkont tas-sejħa tal-ewwel dixxipli jitlaq mix-xhieda ta' Ġwanni "il-Battista"[13] lid-dixxipli li kienu miegħu. Hawnhekk jiddominaw il-verbi tal-"ħars." F'1:29 naqraw li "Ġwanni *ra* lil Ġesù riesaq lejh ..." Fil-vers 32 naqraw dwar ix-xhieda ta' Ġwanni: "Jiena *rajt* l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuqu." Fil-vers 33 inkomplu naqraw dwar dan: "Tabilħaqq, anqas jien ma kont nafu; imma dak li bagħatni ngħammed bl-ilma, hu stess qalli, 'Fuq *min tara* l-Ispirtu jinżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu.'" Fil-vers 34 Ġwanni jerġa' jistqar: "Dan *rajtu* b'għajnejja ..." Fil-vers 36 imbagħad naqraw li Ġwanni "ħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm ..."[14]

Il-ħars u x-xhieda ta' Ġwanni l-Battista mela, għandhom dimensjoni storika li jwasslu biex id-dixxipli li kienu miegħu jitilquh u jmorru wara Ġesù. "Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù."[15] Il-verb "timxi wara" użat hawnhekk (bil-Grieg: *ekolouthesan*), ma jesprimix sempliċiment moviment fiżiku, imma dan il-verb ħafna drabi jintuża fl-Evanġelju biex jesprimi d-dixxipulat - il-mixja wara Ġesù.[16]

Ġesù jieħu l-inizjattiva meta naqraw: "Ġesù dar u rahom mexjin warajh u staqsihom: "X'qegħdin tfittxu?"[17] B'din il-mistoqsija Ġesù ma kienx qed ifittex li jikseb informazzjoni għaliex kif naqraw f'siltiet differenti,





Ġesù jaf kollox u jaf jaqra l-qlub.[18] Din il-mistoqsija li tifforma l-ewwel kliem ta' Ġesù f'dan l-Evanġelju, ma rridux mela neħduha biss fuq il-livell materjali. Din hija mistoqsija aktar profonda indirizzata lil kull qarrej tal-Evanġelju jew aħjar lil kull min jixtieq jimxi wara Ġesù.[19]

It-tweġiba tal-ewwel żewġ dixxipli għal din il-mistoqsija ta' Ġesù tifforma mistoqsija oħra min-naħa tagħhom: "Fejn tgħammar, Rabbi? - li tfisser Mgħallem."[20] Mill-ġdid hawnhekk ninsabu quddiem użu ta' verb ieħor importanti f'dan l-Evanġelju - "tgħammar/toqgħod" (bil-Grieg: *menein*). L-Evanġelista San Ġwann juża dan il-verb f'sens fiżiku ta' fejn wieħed joqgħod, kif ukoll f'sens aktar profond li jesprimi l-intimità bejn Ġesù u l-Missier jew bejn Ġesù u d-dixxipli. Kif se ninterpretaw l-użu tiegħu fil-każ ta' Ġw 1:38? Nistgħu ninterpretawh fuq il-livell fiżiku, jiġifieri d-dixxipli kienu qed jistaqsu lil Ġesù fejn hi d-dar tiegħu biex imorru jitkellmu miegħu. Ma neskludux iżda li mqar f'punt daqshekk kmieni fin-narrativa, l-Evanġelista jridna ninterpretaw dan il-verb fuq il-livell l-ieħor[21] hekk kif il-mistoqsija taż-żewġ dixxipli tesprimi s-sens veru tat-tfittxija, dik li twassal biex timxi warajh u toqgħod fejn jgħammar Hu. Fejn jgħammar Ġesù? Ġesù jgħammar fi ħdan il-Missier kif naqraw fit-tmiem tal-Prologu: "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla *li hu fi ħdan il-Missier.*"[22]

Għall-mistoqsija ta' dawn iż-żewġ dixxipli, Ġesù jwieġeb: "Ejjew u taraw."[23] Ġesù mela jwieġeb bi stedina ("ejjew") imma wkoll b'wegħda ("u taraw"). Il-forma grammatikali ta' dan it-tieni verb hawnhekk hija fil-futur u tfakkarna fil-wegħda li Ġesù jagħmel lil Natanjel fi Ġw 1:51. Għall-Evanġelista San Ġwann li "tara" hija azzjoni marbuta mal-fidi;[24] hekk ukoll li "tmur" għand Ġesù huwa ġest marbut mal-fidi.[25] Dan narawh mill-użu mill-ġdid tal-verb "tara" fl-istess vers fejn inkomplu naqraw: "U marru miegħu u *raw* fejn kien jgħammar, u dak in-nhar baqgħu miegħu."[26]

L-Evanġelista li jagħtina l-isem ta' wieħed biss minn



dawn iż-żewġ dixxipli - Indrì - jurina li min isib lil Ġesù ma jkunx kuntent li jżomm dan għalih biss. Fil-fatt hawnhekk inkomplu naqraw kif Indrì mar sab lil ħuh Xmun Pietru u qallu: "Sibna l-Messija."[27] Mill-ġdid l-użu tal-verb "sibna" (bil-Grieg: *heurekamen*) huwa wieħed profond. L-ewwel naqraw li Indrì "sab" (bil-Grieg: *heuriskei*) lil ħuh Xmun Pietru,[28] imbagħad naqraw kif Ġesù *sab* lid-dixxipli,[29] u aktar tard naqraw ukoll kif id-dixxipli *sabu* lil Ġesù, il-Messija li fuqu "kitbu Mosè fil-Liġi, u l-Profeti fil-kotba tagħhom,"[30] jiġifieri l-Iskrittura. Jekk fil-każ ta' Indrì, il-verb "sibna" jidher li għandu biss tifsira sempliċi ta' laqgħa,[31] fit-tieni każ, l-użu ta' dan l-istess verb irridu ninterpretawh f'sens ta' skoperta ta' dak li d-dixxipli kienu qed ifittxu u jistennew: il-Messija.[32]

## It-tfittxija fil-bidu tad-dixxipulat

Fid-dawl ta' din l-analiżi, nistgħu nagħmlu numru ta' osservazzjonijiet li għandhom l-importanza tagħhom għat-tema tat-"tfittxija" fl-Evanġelju skont San Ġwann. Fl-episodju tas-sejħa tal-ewwel dixxipli diġà għandna indikazzjoni li l-korrettezza tat-"tfittxija" f'dan l-Evanġelju ma tikkonsistix filli xi ħadd ikun jaf minn qabel b'ċertezza xi jrid, imma pjuttost li d-dixxiplu jieħu t-triq it-



tajba li twassal għand Ġesù.[33] Dan ifisser li l-mistoqsija ta' Ġesù lid-dixxipli: "x'qegħdin tfittxu?" tibqa' waħda miftuħa fil-mixja tad-dixxipli li jridu jibqgħu jistaqsu lil Ġesù: "Rabbi, fejn tgħammar?"

Fil-ħsieb tal-Evanġelista San Ġwann, mela, il-mixja tad-dixxipli nistgħu nħarsu lejha bħala tfittxija. Il-mistoqsija ta' Ġesù lill-ewwel dixxipli: "x'qegħdin tfittxu?" trid twassal lil kull qarrej ta' dan l-Evanġelju biex jistaqsi din l-istess mistoqsija fil-mixja proprja tiegħu. San Ġwann jurina li t-tfittxija titwieled minn xhieda li tiġi proklamata. F'dan il-każ rajna li għandna x-xhieda tal-Battista lid-

dixxipli; u wara x-xhieda ta' dawn id-dixxipli lil persuni oħra. Din it-tfittxija iżda hija dejjem frott il-grazzja li tiġi minn Alla. Ma tistax tmur lejn Ġesù mingħajr ma niġu attirati mill-Missier.[34] It-tfittxija titlob ukoll l-esperjenza: "ejjew u taraw." Dan hu aspett essenzjali enfasizzat f'episodji oħra bħal-laqgħa ta' Ġesù mal-mara Samaritana jew mal-agħma mit-twelid.

Fl-aħħar, it-tfittxija, kemm mill-aspett tax-xewqa tad-dixxipli (li jistaqsu: "Fejn tgħammar Rabbi?"), kemm mill-aspett tal-wegħda ta' Ġesù ("ejjew u taraw"), kif ukoll mill-punt tal-konklużjoni tal-episodju ("sibna l-Messija"), għandha bħala oġġett wieħed: il-misteru ta' Ġesù bħala post tal-preżenza ta' Alla. Ix-xewqa tad-dixxipli li jfittxu u jibqgħu ma' Ġesù għalhekk tikkorrispondi mal-għan tal-missjoni tiegħu: Ġesù ġie biex jirrivela lill-bniedem fejn jgħammar[35] u biex jeħodna miegħu.

Jibqgħalna nosservaw li l-isfond tar-rakkont jaqbel ukoll mat-tema tat-tfittxija tal-Għerf. Li tfittex u ssib hu motiv preżenti b'ċerta insistenza fit-tematika tal-Kotba tal-Għerf. Il-passi huma numerużi.[36] Dak li jinteressana l-aktar hawnhekk huwa li qabel it-tfittxija tal-Għerf min-naħa tal-bniedem hemm l-istess inizjattiva divina. Meta naqraw l-episodju tas-sejħa tal-ewwel dixxipli fl-Evanġelju skont San Ġwann b'dan l-isfond tal-Kotba tal-Għerf, naraw kif ir-rakkont kollu jakkwista aktar ħajja: it-tfittxija tal-Messija hija diġà moħbija fl-istennija tal-Kotba tat-Testment il-Qadim, kif jidher ċar fil-proklamazzjoni ta' Indrì - "sibna l-Messija," u dik ta' Filippu: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi, u l-profeti fil-kotba tagħhom: Ġesù minn Nazaret bin Ġużeppi."[37]

## Referenzi

1 Ara Ġw 4:23.

2 Ġw 5:30. Din is-sentenza ta' Ġesù hija f'kuntrast ma' dak li Ġesù jgħid lil-"Lhud" f'7:18. "Min jgħid xi ħaġa minn moħħu jkun qiegħed ifittex il-glorja tiegħu nnifsu. Iżda min ifittex il-glorja ta' min ikun bagħtu, dan ikun jgħid is-sewwa." Ara wkoll 8:50 fejn Ġesù jiddikjara: "Jien ma nfittixx il-glorja tiegħi; hemm min ifittixha u jagħmel il-ħaqq."

3 Ara Ġw 1:38; 13:33; 20:15.

4 Ara Ġw 6:24; 11:56.

5 Ara Ġw 5:18; 7:1.11.19.20.25.30; 8:37.40; 10:39; 11:8.

6 Ara Ġw 7:34.36; 8:21.

7 Ara Ġw 1:35-42.

8 Dwar l-użu tal-vokabularju ta' San Ġwann li jinkludi fih kliem b'tifsiriet differenti ara, Sandra M. Schnieders, Written that you may Believe: Encountering Jesus in the Fourth Gospel (New York: Crossroad, 1999), 27. Ara wkoll, R. Alan Culpepper, Anatomy of the Fourth Gospel: A Study in Literary Design (Philadelphia: Fortres, 1983), 151.

9 Ara Ġw 1:29.35.43. Ara wkoll 2:1. Dwar is-sekwenza u t-tifsir ta' dawn il-jiem ara Francis J. Moloney, The Gospel of John. Sacra Pagina

4 (Collegville/MN, The Liturgical Press, 1998), 50; R. Riesner, "Bethany Beyond the Jordan (John 1:28): Topology and History in the Fourth Gospel," Tyndale Bulletin 38 (1987): 45-47; Leon Morris, The Gospel according to John. The New International Commentary on the New Testament (London: Eerdmans, 1971), 120.

10 Ġw 1:41.

11 Ġw 1:49.

12 Ġw 1:51.

13 L-Evanġelista San Ġwann qatt ma jsejjaħ lil Ġwanni bit-titlu tal-"Battista." L-inklużjoni ta' dan it-titlu hu biss wieħed biex ma jħallinix inħalltu lil dan Ġwanni ma' l-awtur tal-Evanġelju li fit-tradizzjoni nisranija hu magħruf ukoll bl-istess isem.

14 Kollox jidher li qed jingħaqad flimkien permezz tal-użu tal-verb "tara" li jintuża tant drabi b'intensità kbira. Fuq dan ara, Rene Kieffer, "Different Levels in Johannine Imagery," in Aspects of the Johannine Literature. Papers Presented at a Conference of Scandinavian New Testament Exegetes at Uppsala June 16-19, 1986, eds., L. Hartman and L. Olsson (Stockholm: Almqvist &Wiksell International, 1987), 113-125.

15 Ġw 1:37.

16 Ara wkoll Ġw 1:43 - "L-għada Ġesù ddeċieda li jitlaq lejn il-Galilija. Sab lil Filippu u qallu: 'Ejja warajja' (bil-Grieg: akolouthei moi). Ara wkoll, Ġw 10:4-5; 12:26. Ara Andreas J. Köstenberger, John. Baker Exegetical Commentary on the New Testament (Grand Rapids/MI: Baker, 2007), 73.

17 Ġw 1:38. It-traduzzjoni tal-Għaqda Biblika Maltija ttraduċiet il-mistqosija ta' Ġesù bil-kliem: "Xi tridu?"

18 Ara Ġw 1:42.47-48. Fuq in-nozzjoni li Ġesù jaf kollox f'dan l-Evanġelju ara, Ġw 4:17-19.29; 6:61.64.71; 13:11.27; 16:30 eċċ.

19 Ara Rudolf Schnackenburg, The Gospel acording to St. John, trans. K. Smyth (New York: Herder and Herder 1968), 1:308; Francis J. Moloney, Belief in the Word: Reading John 1-4 (Minneapolis: Fortress, 1993), 67; Rudolf Bultmann, The Gospel of John, trans. G.R. Beasley-Murray (Oxford: Blackwell, 1971), 100. Mhux il-kummentarji kollha iżda jaqblu ma' dan. C.K. Barrett, The Gospel according to St. John (London: SPCK, 1962), 150 jikteb illi kieku l-Evanġelista verament kellu dan f'moħħu, kien jagħmel dan b'mod aktar ċar.

20 Ġw 1:38.

21 Ara D.A. Carson, The Gospel according to John (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1991), 155; Herman Ridderbos, The Gospel of John: A Theological Commentary (Grand Rapids/MI: Eerdmans, 1997), 81.

22 Ġw 1:18.

23 Ġw 1:39. Ara wkoll 1:46.

24 Fit-test Grieg hemm diversi verbi li jesprimu "il-ħars." L-oġġett tal-ħars u l-"glorja" preżenti f'Ġesù bħala bniedem huma diġà msemmija fil-Prologu: "Il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni." Li tara lil Ġesù jfisser ukoll li tara lil Missier - "Ġesù wieġeb: 'Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier'" (Ġw 14:9).

25 Ara Ġw 3:21; 5:40; 6:35.37.45; 7:37 eċċ. Ara wkoll Raymond E. Brown, The Gospel according to John. Anchor Bible 29 (Garden City/New York: Doubleday, 1966): 1:78-79.

26 Ġw 1:39. Għalkemm fil-kliem ta' Ġesù "ejjew u taraw" l-Evanġelista juża l-verb bil-Grieg: opsesthe (taraw), fil-kummentarju "u raw fejn kien jgħammar" juża l-verb bil-Grieg: eidan.

27 Ġw 1:41.

28 Hekk ukoll inkomplu naqraw fil-vers 45 fejn "Filippu sab (bil-Grieg: heuriskei) lil Natanjel u qallu ..."

29 Ara Ġw 1:43. Ara wkoll 5:14; 9:35.

30 Ġw 1:41.45.

31 Ara Ġw 1:41.

32 Ara Ġw 1:45.

33 Dwar id-dixxipulat bħala vjaġġ ta' fidi ara R.M. Chennattu, "On Becoming Disciples (John 1:35-51): Insights from the Fourth Gospel," Salesianum 63 (2001): 467.

34 Ara Ġw 6:44.65; ara wkoll 6:37; 10:29; 17:2.24.

35 Ara Ġw 14:3; 17:24; ara wkoll 12:26.

36 Ara per eżempju, Għerf 6:12-16; Prov 1:28; 3:13; 8:17-35.

37 Ġw 1:45.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-Art Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2022




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € __________
bħal abbonament għall-2022

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Il-Bambin ta Betlehem - Ritratt: Andrè Mangion*